Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 208

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

8 ta' Awwissu 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1332 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija** 1

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja 3

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1333 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja** 42

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1334 tas-7 ta' Awwissu 2019 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fis-Slovakkja** *(notifikata bid-dokument C(2019) 5989)* [1] 44

LINJI GWIDA

★ **Linja gwida (UE) 2019/1335 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2019 li temenda l-Linja gwida (UE) 2018/876 dwar ir-Reġistru ta' Dejta dwar Istituzzjonijiet u Affiljati (BĊE/2019/17)** 47

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1332

tal-25 ta' Ġunju 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u d-Deċiżjoni tal-Kunsill li awtorizzat il-ftuħ tan-negozjati,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ("il-Ftehim ta' Sħubija") kif ukoll Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ("il-Protokoll"). Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ġew inizjalati fid-19 ta' Ottubru 2018.

(2) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja dwar sajd 'il barra mill-Gambja ([1]), li kien daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987.

(3) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tal-Gambja jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gambja.

(4) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu ffirmati. Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr, jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu applikati b'mod provviżorju minn meta jiġu ffirmati, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni ta' dawk l-atti.

It-testi tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 146, 6.6.1987, p. 3.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

F'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Sħubija, il-Ftehim ta' Sħubija għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ([2]).

Artikolu 4

F'konformità mal-Artikolu 13 tal-Protokoll, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ([3]).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANTON

([2]) Id-data li minnha l-Ftehim ta' Sħubija se jiġi applikat b'mod provviżorju se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

([3]) Id-data li minnha l-Protokoll se jiġi applikat b'mod provviżorju se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-GAMBJA

L-UNJONI EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni", u

IR-REPUBBLIKA TAL-GAMBJA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Gambja",

flimkien minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU r-relazzjoni ta' ħidma mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Gambja, l-aktar fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Ftehim ta' Cotonou"), u x-xewqa tagħhom it-tnejn li jsaħħu dik ir-relazzjoni,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar (l-UNCLOS) u l-Ftehim tal-1995 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Transżonali u tal-Istokkijiet tal-Ħut li Jpassi Ħafna,

DETERMINATI li japplikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) u ta' organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti oħrajn,

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat fl-1995 waqt il-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (l-FAO),

DETERMINATI li jikkooperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, biex jippromwovu s-sajd responsabbli ħalli jkunu żgurati l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,

KONVINTI li din il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq inizjattivi u miżuri li, kemm jekk il-Partijiet jeħduhom flimkien kif ukoll jekk individwalment, ikunu jikkumplimentaw lil xulxin u jkunu konsistenti ma' politiki u jiżguraw sinerġija fl-isforzi,

BEĦSIEBHOM, għal dawn il-finijiet, jibdew djalogu dwar il-politika settorjali tas-sajd li jħaddem il-Gvern tal-Gambja u jidentifikaw il-mezzi xierqa biex jiżguraw li din il-politika tiġi implimentata b'mod effettiv u li f'dan il-proċess jiġu inklużi l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili,

JIXTIEQU jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Gambja u l-appoġġ tal-Unjoni biex f'dik iż-żona jsir sajd sostenibbli,

JIXTIEQU jistabbilixxu ftehim ta' ġid reċiproku bejn l-Unjoni u l-Gambja,

DETERMINATI li jippromwovu kooperazzjoni ekonomika eqreb bejn iż-żewġ Partijiet fl-industrija tas-sajd u fl-attivitajiet relatati magħha,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "l-awtoritajiet tal-Gambja" tfisser il-Ministeru responsabbli għas-sajd fir-Repubblika tal-Gambja;

(b) "l-awtoritajiet tal-Unjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(c) "dan il-Ftehim" tfisser il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja;

(d) "il-Protokoll" tfisser il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja, l-Anness tal-Protokoll u l-Appendiċijiet ta' dak l-Anness;

(e) "attività tas-sajd" tfisser: it-tiftix għall-ħut; it-tfigħ il-baħar, il-kalar, it-tkarkir u l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd; it-teħid tal-qabdiet abbord; l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid fil-gaġeġ, is-simna u ħatt l-art tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd;

(f) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment mgħammar għall-użu kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(g) "bastiment tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(h) "bastiment tal-għajnuna" tfisser kull bastiment tal-Unjoni li jagħti assistenza lill-bastimenti tas-sajd, li ma jkunx mgħammar għas-sajd jew jintuża għall-operazzjonijiet tat-trażbord;

(i) "iż-żona tas-sajd tal-Gambja" tfisser dik il-parti mill-ilmijiet li taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-Gambja li fiha l-Gambja tawtorizza lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu attivitajiet tas-sajd;

(j) "sajd sostenibbli" tfisser sajd konformi mal-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat waqt il-Konferenza tal-FAO fl-1995.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw:

(a) il-kundizzjonijiet li taħthom il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja;

(b) il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd, bil-ħsieb li jiġi promoss is-sajd sostenibbli fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u li jiġu żviluppati s-settur marittimu u s-settur tas-sajd tal-Gambja;

(c) il-kooperazzjoni dwar miżuri ta' ġestjoni, kontroll u sorveljanza fiż-żona tas-sajd tal-Gambja bil-ħsieb li tkun żgurata l-konformità mar-regoli u mal-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq u li jiġi żgurat li l-miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u għall-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd ikunu effettivi, l-aktar dawk li jikkonċernaw il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, illegal, unreported and unregulated);

(d) is-sħubijiet bejn l-operaturi bil-għan li, fl-interess ta' xulxin, jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-sajd u attivitajiet relatati.

Artikolu 3

Prinċipji u għanijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tal-Gambja abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-bastimenti differenti li jkunu jinsabu f'dik iż-żona.

2. L-awtoritajiet tal-Gambja jintrabtu li ma jagħtux kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk maqbula taħt dan il-Ftehim lil bastimenti barranin oħrajn li joperaw fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u li għandhom l-istess karatteristiċi u li jistadu għall-istess speċijiet bħal dawk li jkopri dan il-Ftehim u l-Protokoll. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni, mal-iżvilupp u mal-ġestjoni tar-riżorsi, mal-arranġamenti finanzjarji, mat-tariffi u mad-drittijiet marbutin mal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd. L-awtoritajiet tal-Gambja jintrabtu li jagħtu sehem xieraq miż-żejjed tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għall-bastimenti tal-Unjoni, fejn dan ikun rilevanti.

3. Fl-interess tat-trasparenza, il-Gambja tintrabat li tippubblika l-informazzjoni marbuta ma' kull ftehim li jawtorizza lill-bastimenti barranin jistadu fiż-żona tas-sajd tagħha u l-isforz tas-sajd li joħroġ minnu, b'mod partikulari l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd li jkunu nħarġu u l-qabdiet li jkunu ġew irrappurtati, u li tiskambja din l-informazzjoni.

4. Il-Partijiet jaqblu li l-bastimenti tal-Unjoni għandhom jistadu biss għaż-żejjed tal-qabda permissibbli msemmi fl-Artikolu 62(2) u (3) tal-UNCLOS u stabbilit b'mod ċar u trasparenti abbażi tal-pariri xjentifiċi rilevanti disponibbli u tal-informazzjoni rilevanti skambjata bejn il-Partijiet b'rabta mal-isforz totali tas-sajd fuq l-istokkijiet rilevanti mill-bastimenti kollha li joperaw fiż-żona tas-sajd.

5. Fir-rigward ta' stokkijiet ta' ħut transżonali jew stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-valutazzjonijiet xjentifiċi reġjonali u l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd rilevanti.

6. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou fejn jidħlu elementi essenzjali ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, u l-element fundamentali ta' governanza t-tajba.

7. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jimplimentaw il-politika settorjali tas-sajd li adotta l-Gvern tal-Gambja u għandhom jibdew djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa.

8. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol għandha tapplika għalkollox għall-baħrin Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) reklutati fuq bastimenti tal-Unjoni, l-aktar fejn jidħlu l-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv tal-ħaddiema, u t-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tax-xogħol.

9. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel ma jadottaw xi deċiżjoni li tista' taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni taħt dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Aċċess għaż-żona tas-sajd tal-Gambja

L-awtoritajiet tal-Gambja jintrabtu li jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja skont dan il-Ftehim u skont il-liġijiet applikabbli tal-Gambja.

Artikolu 5

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd u klawżola ta' esklużività

1. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd (definita bħala "liċenzja" skont il-leġiżlazzjoni tal-Gambja) maħruġa taħt dan il-Ftehim. Huma pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd kollha mhux koperti minn dan il-Ftehim.

2. L-awtoritajiet Gambjani għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni taħt dan il-Ftehim biss. Huwa pprojbit li lill-bastimenti tal-Unjoni jinħarġulhom awtorizzazzjonijiet tas-sajd mhux koperti minn dan il-Ftehim, l-aktar fl-għamla ta' awtorizzazzjonijiet diretti.

3. Il-proċedura biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment tal-Unjoni, it-tariffi applikabbli u l-metodu tal-ħlas li sid il-bastiment għandu juża għandhom ikunu ddefiniti fil-Protokoll.

4. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet u dawn l-arranġamenti jiġu applikati tajjeb permezz ta' kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mil-lat amministrattiv.

Artikolu 6

Liġi applikabbli

1. L-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandhom ikunu suġġetti għall-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tal-Gambja, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim jew fil-Protokoll. Lill-awtoritajiet tal-Unjoni, il-Gambja għandha tipprovdilhom il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

2. Il-Gambja għandha tieħu l-passi xierqa meħtieġa biex id-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza tas-sajd previsti f'dan il-Ftehim jiġu applikati b'mod effettiv. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Gambja li għandhom ir-responsabbiltà jwettqu tali monitoraġġ, dan il-kontroll u din is-sorveljanza.

3. L-awtoritajiet tal-Gambja għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Unjoni b'kull bidla fil-leġiżlazzjoni eżistenti jew b'kull leġiżlazzjoni ġdida li jkollha l-potenzjal tħalli impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni. Tali leġiżlazzjoni għandha tkun infurzabbli fir-rigward tal-bastimenti tal-Unjoni wara 60 jum mill-għada li n-notifika tal-Gambja tasal għand l-awtoritajiet tal-Unjoni.

4. L-Unjoni għandha tieħu l-passi xierqa meħtieġa biex tiżgura li l-bastimenti tagħha jkunu jikkonformaw ma' dan il-Ftehim u mal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

5. L-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Gambja mingħajr dewmien b'kull bidla fil-liġi tal-Unjoni li jkollha l-potenzjal tħalli impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni taħt dan il-Ftehim.

Artikolu 7

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Gambja taħt dan il-Ftehim sabiex:

(a) twieżen parti mill-ispejjeż tal-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Gambja u għar-riżorsi tas-sajd ta' dan il-pajjiż, mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż tal-aċċess li jġarrbu s-sidien tal-bastimenti;

(b) issaħħaħ il-kapaċità tal-Gambja li tiżviluppa politika sostenibbli tas-sajd permezz ta' appoġġ settorjali.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandha tkun dissoċjata mill-ħlasijiet għall-ispejjeż għall-aċċess u għandha tkun stabbilita skont it-twettiq tal-għanijiet tal-appoġġ settorjali tal-Gambja f'konformità mal-Protokoll u mal-programmazzjoni annwali u pluriennali għall-implimentazzjoni tiegħu u tingħata bil-kundizzjoni li dawn jitwettqu.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti l-Unjoni għandha titħallas kull sena skont il-Protokoll.

L-ammont tal-kontribuzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jista' jirrevedih il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-affarijiet li ġejjin:

(a) tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni minħabba l-ġestjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, fejn dan jitqies li huwa meħtieġ għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

(b) żieda fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni meta, skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, il-qagħda tar-riżorsi tkun tippermetti dan.

L-ammont tal-kontribuzzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jista' jiġi rivedut minħabba valutazzjoni mill-ġdid tat-termini tal-kontribuzzjoni finanzjarja biex tiġi implimentata l-politika settorjali tas-sajd tal-Gambja, fejn dan ikun iġġustifikat mir-riżultati speċifiċi tal-programmazzjoni annwali u pluriennali li josservaw iż-żewġ Partijiet.

Il-kontribuzzjoni tista' tiġi sospiża minħabba:

(a) l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim;

(b) l-applikazzjoni tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 8

Promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u fis-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni ekonomika u teknika fis-settur tas-sajd u fis-setturi relatati miegħu. Dawn għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkoordinaw id-diversi miżuri li jistgħu jittieħdu għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-iskambju tal-informazzjoni dwar it-tekniki tas-sajd, l-irkaptu tas-sajd, il-metodi ta' preżervazzjoni u l-ipproċessar industrijali tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi tagħhom fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jħeġġu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u tal-investimenti.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu l-ħatt l-art tal-qabdiet tal-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fil-Gambja.

5. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-ħolqien ta' intrapriżi konġunti fil-qasam tas-sajd u tal-ekonomija marittima.

Artikolu 9

Kumitat Konġunt

1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat Konġunt li jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Gambja għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta emendi fil-Protokoll.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom b'mod partikulari jkunu li:

(a) jimmonitorja l-prestazzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-aktar id-definizzjoni tal-programmazzjoni annwali u pluriennali msemmija fl-Artikolu 7(2) u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha;

(b) jiżgura l-kuntatti meħtieġa fi kwistjonijiet ta' interess reċiproku fil-qasam tas-sajd, l-aktar fejn tidħol l-analiżi statistika tad-data dwar il-qabdiet;

(c) iservi ta' forum biex kwalunkwe tilwim li jinqala' b'rabta mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jissolva b'mod amikevoli.

3. Il-funzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandha tikkonsisti mill-approvazzjoni ta' modifiki fil-Protokoll fir-rigward ta':

(a) ir-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u, konsegwentement, tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti;

(b) il-proċeduri tal-appoġġ settorjali;

(c) il-kundizzjonijiet tekniċi u l-modalitajiet li taħthom il-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont l-għanijiet ta' dan il-Ftehim u skont ir-regoli rilevanti adottati mill-ICCAT u minn organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd oħrajn, fejn rilevanti.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' tal-inqas darba fis-sena, sena fil-Gambja u s-sena ta' wara fl-Unjoni, jew f'post ieħor magħżul bi qbil bejniethom, u dan għandha tippresedih il-Parti ta' fejn tkun qed issir il-laqgħa. Għandu jkollu laqgħat speċjali fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'konsensus u għandhom jinhemżu mal-minuti maqbula tal-laqgħa.

Artikolu 10

Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra s-sajd IUU

Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU sabiex ikun jista' jsir sajd responsabbli u sostenibbli.

Artikolu 11

Kooperazzjoni xjentifika

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni xjentifika biex jivvalutaw b'mod regolari l-qagħda tal-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-Gambja f'kollaborazzjoni mal-korpi xjentifiċi reġjonali u sottoreġjonali.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw lil xulxin, jekk ikun hemm bżonn, fil-kuntest tal-ICCAT u ta' organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd rilevanti oħrajn sabiex isaħħu l-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

Artikolu 12

Żona ġeografika ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji fejn japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Gambja.

Artikolu 13

Tul ta' żmien u tiġdid taċitu

Dan il-Ftehim għandu japplika għal sitt snin mid-data minn meta jibda japplika b'mod provviżorju. Dan għandu jiġġedded b'mod taċitu, sakemm ma tingħatax notifika ta' terminazzjoni skont l-Artikolu 16.

Artikolu 14

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Ftehim għandu jibda japplika b'mod provviżorju mid-data meta jiġi ffirmat.

Artikolu 15

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet f'każ wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) fejn ikun hemm ċirkustanzi, minbarra fenomeni naturali, li xi waħda mill-Partijiet b'mod raġonevoli ma jkollhiex kontroll fuqhom u li jkunu tali li ma jippermettux li jsir is-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja;

(b) fejn tinqala' xi tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(c) fejn xi waħda mill-Partijiet issib li kien hemm ksur tal-elementi essenzjali u fundamentali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou u konsegwentement għall-proċedura stabbilita fl-Artikoli 8 u 96 tiegħu.

2. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi notifikata mill-Parti interessata bil-miktub lill-Parti l-oħra, u għandha ssir effettiva tliet xhur mir-riċezzjoni tan-notifika. Ir-riċezzjoni tan-notifika għandha twassal biex jinfetħu konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet biex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwima tagħhom fi żmien tliet xhur.

3. Fejn ma tinstabx soluzzjoni amikevoli għad-differenzi bejn il-Partijiet u l-Ftehim jiġi sospiż, il-Partijiet għandhom ikomplu jikkonsultaw lil xulxin biex isibu soluzzjoni għat-tilwima tagħhom. Ladarba tinstab din is-soluzzjoni, għandha tissokta l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u, sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u pro rata temporis skont il-perjodu li matulu tkun damet sospiża l-implimentazzjoni.

Artikolu 16

Terminazzjoni

1. Kull waħda mill-Partijiet tista' tittermina dan il-Ftehim f'xi każ jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) fejn jinqalgħu ċirkustanzi, minbarra fenomeni naturali, li xi waħda mill-Partijiet b'mod raġonevoli ma jkollhiex kontroll fuqhom, u li ma jippermettux li jsiru l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja;

(b) meta jiġu ddegradati l-istokkijiet ikkonċernati skont l-aqwa parir xjentifiku indipendenti u affidabbli disponibbli;

(c) meta jonqos il-livell ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni;

(d) meta jinkisru l-impenji li l-Partijiet ikunu daħlu għalihom fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

2. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi notifikata mill-Parti interessata bil-miktub lill-Parti l-oħra, u għandha ssir effettiva sitt xhur mir-riċezzjoni tan-notifika,, sakemm il-Partijiet ma jaqblux bejniethom li jtawlu dan il-perjodu. Il-Partijiet għandhom jibdew konsultazzjonijiet bejniethom mir-riċezzjoni tan-notifika ta' terminazzjoni biex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwima tagħhom fi żmien il-perjodu ta' sitt xhur.

3. Fil-każ ta' terminazzjoni, il-ħlas tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 għas-sena meta ssir effettiva t-terminazzjoni għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*.

Artikolu 17

Tħassir

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja dwar sajd 'il barra mill-Gambja, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987, b'dan jitħassar.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li huma lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

Artikolu 19

Lingwi

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u kull test huwa awtentiku bl-istess mod.

Съставено в Брюксел на тридесет и първи юли две хиляди и деветнадесета година.

Hecho en Bruselas, el treinta y uno de julio de dos mil diecinueve.

V Bruselu dne třicátého prvního července dva tisíce devatenáct.

Udfærdiget i Bruxelles den enogtredivte juli to tusind og nitten.

Geschehen zu Brüssel am einunddreißigsten Juli zweitausendneunzehn.

Kahe tuhande üheksateistkümnenda aasta juulikuu kolmekümne esimesel päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τριάντα μία Ιουλίου δύο χιλιάδες δεκαεννέα.

Done at Brussels on the thirty first day of July in the year two thousand and nineteen.

Fait à Bruxelles, le trente et un juillet deux mille dix-neuf.

Sastavljeno u Bruxellesu trideset prvog srpnja godine dvije tisuće devetnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì trentuno luglio duemiladiciannove.

Briselē, divi tūkstoši deviņpadsmitā gada trīsdesmit pirmajā jūlijā.

Priimta du tūkstančiai devynioliktų metų liepos trisdešimt pirmą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenkilencedik év július havának harmincegyedik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-wieħed u tletin jum ta’ Lulju fis-sena elfejn u dsatax.

Gedaan te Brussel, eenendertig juli tweeduizend negentien.

Sporządzono w Brukseli dnia trzydziestego pierwszego lipca roku dwa tysiące dziewiętnastego.

Feito em Bruxelas, em trinta e um de julho de dois mil e dezanove.

Întocmit la Bruxelles la treizeci și unu iulie două mii nouăsprezece.

V Bruseli tridsiateho prvého júla dvetisícdevätnásť.

V Bruslju, dne enaintridesetega julija leta dva tisoč devetnajst.

Tehty Brysselissä kolmantenakymmenentenäensimmäisenä päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattayhdeksäntoista.

Som skedde i Bryssel den trettioförsta juli år tjugohundranitton.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l’Union européenne
Za Europsku uniju
Per l’Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Република Гамбия
Por la República de Gambia
Za Gambijskou republiku
For vegne af Republikken Gambia
Für die Republik Gambia
Gambia Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Γκάμπια
For the Republic of The Gambia
Pour la République de Gambie
Za Republiku Gambiju
Per la Repubblica della Gambia
Gambijas Republikas vārdā –
Gambijos Respublikos vardu
A Gambiai Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Gambja
Voor de Republiek Gambia
W imieniu Republiki Gambii
Pela República da Gâmbia
Pentru Republica Gambia
Za Gambijskú republiku
Za Republiko Gambijo
Gambian tasavallan puolesta
För Republiken Gambias vägnar

PROTOKOLL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea U R-Repubblika tal-Gambja

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ("il-Ftehim") għandhom japplikaw u jiġu ssupplimentati mid-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "dan il-Protokoll" tfisser dan il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim, l-Anness tiegħu u l-Appendiċijiet tal-Anness;

(b) "ħatt l-art" tfisser il-ħatt ta' kull kwantità ta' prodotti tas-sajd minn fuq bastiment tas-sajd għal fuq l-art;

(c) "trażbord" tfisser il-ħatt tal-prodotti kollha tas-sajd, jew ta' parti minnhom, li jkunu abbord bastiment għal fuq bastiment ieħor;

(d) "osservatur" tfisser kull persuna li awtorità nazzjonali tkun awtorizzat skont l-Anness biex tosserva l-implimentazzjoni tar-regoli li japplikaw għal attività tas-sajd jew biex tosserva l-attività għal finijiet xjentifiċi;

(e) "awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser awtorizzazzjoni amministrattiva li d-Dipartiment tas-Sajd ikun ħareġ lil sid il-bastiment wara li dan ikun ħallas tariffa annwali jew ta' kull tliet xhur, li tagħti lil dak is-sid id-dritt jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja fil-perjodu li għalih tkun inħarġet;

(f) "operatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li għandha impriża li twettaq attivitajiet marbutin ma' kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tal-kummerċjalizzazzjoni, tat-tqassim jew tal-bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(g) "speċijiet li jpassu ħafna" tfisser l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, minbarra l-ispeċijiet li huma protetti jew ipprojbiti mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT);

(h) "forza maġġuri" tfisser kwalunkwe avveniment li jseħħ ħesrem, mingħajr ma seta' jitbassar u li ma setax jiġi evitat, li jipperikola jew jimpedixxi l-eżerċizzju tal-attivitajiet normali tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

Artikolu 2

Għan

L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, billi jistabbilixxi, b'mod partikulari, il-kundizzjonijiet għall-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Gambja ddefinita fil-punt (i) tal-Artikolu 1 tiegħu, kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 3

Opportunitajiet tas-sajd

1. L-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu kif ġej:

— għall-ispeċijiet li jpassu ħafna:

  (a) 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża;

  (b) 10 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief;

— għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond (kif imsemmi fl-Appendiċi 2b tal-Anness ta' dan il-Protokoll):

  (c) 3 bastimenti tat-tkarkir.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika suġġett għall-Artikoli 5 u 7 ta' dan il-Protokoll.

3. Skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd li tkun inħarġet taħt dan il-Protokoll skont l-Anness tiegħu biss.

Artikolu 4

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja li tħallas l-Unjoni b'kollox għandha tkun ta' EUR 3 300 000. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi EUR 550 000 fis-sena fil-kuntest tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim, li jkunu allokati kif ġej:

(a) ammont annwali għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja ta' EUR 275 000, li jkun ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 3 300 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet li jpassu ħafna; u

(b) ammont annwali speċifiku għall-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gambja ta' EUR 275 000 fis-sena.

Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali li jħallsu s-sidien tal-bastimenti għandha tkun ta' EUR 315 000, li huwa ammont li jikkorrispondi mal-istima tal-ammont annwali tat-tariffi li s-sidien tal-bastimenti jridu jħallsu għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġin skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim u skont l-arranġamenti stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika suġġett għall-Artikoli 5, 6, 7, 8 u 14 ta' dan il-Protokoll u għall-Artikoli 15 u 16 tal-Ftehim.

3. Il-Gambja għandha tiżgura li jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tagħha sabiex tkun żgurata ġestjoni xierqa tat-tunnellaġġ ta' referenza stabbilit fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għall-ispeċijiet li jpassu ħafna u tal-qabda totali permissibbli għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ mogħtija fl-iskeda teknika korrispondenti mehmuża ma' dan il-Protokoll, filwaqt li jitqiesu l-qagħda tal-istokkijiet u ż-żejjed li jista' jkun disponibbli.

4. Kemm l-Unjoni kif ukoll il-Gambja għandhom jiżguraw li l-qabdiet li l-bastimenti tal-Unjoni jagħmlu jkunu mmonitorjati b'mod regolari. Fil-każ tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ, malli l-livell tal-qabdiet jilħaq it-80 % tal-qabda totali permissibbli, il-Gambja għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-Unjoni. Malli tirċievi din in-notifika, l-Unjoni, min-naħa tagħha, għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan ukoll. L-Istati Membri mbagħad għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-livelli tal-qabdiet tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ ma jaqbżux il-qabda totali permissibbli.

5. Jekk il-kwantità annwali tal-ispeċijiet li jpassu ħafna li jaqbdu l-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Gambja tkun taqbeż it-tunnellaġġ ta' referenza annwali mogħti fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għandu jiżdied b'EUR 50 għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda.

6. Madankollu, l-ammont totali annwali li tħallas l-Unjoni ma għandux jaqbeż id-doppju tal-ammont indikat fil-punt (a) tal-paragrafu 1. Meta l-kwantitajiet li jaqbdu l-bastimenti tal-Unjoni jkunu jaqbżu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju tal-ammont totali annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li tkun taqbeż dan il-limitu għandu jitħallas is-sena ta' wara.

7. L-Unjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għall-aċċess għall-bastimenti tal-Unjoni għar-riżorsi tas-sajd tal-Gambja sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta tibda l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-ewwel sena u sa mhux aktar tard mid-data tal-anniversarju tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll għas-snin ta' wara.

8. Il-kontribuzzjoni finanzjarja indikata fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha titħallas ġo kont tat-Teżor Pubbliku tal-Gambja. Il-kontribuzzjoni finanzjarja indikata fil-punt (b) tal-paragrafu 1, maħsuba għall-appoġġ settorjali, għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tad-Dipartiment tas-Sajd f'kont ta' depożitu tat-Teżor Pubbliku li ma jkollux restrizzjoni ta' żmien. Kull sena, l-awtoritajiet tal-Gambja għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni Ewropea bin-numri tal-kontijiet bankarji rilevanti.

Artikolu 5

Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jivvaluta l-opportunitajiet tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 3 mill-ġdid u jiddeċiedi li jirrevedihom, sakemm ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT u minn korpi xjentifiċi reġjonali oħrajn ikunu jindikaw li reviżjoni bħal din tkun kompatibbli mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd li dan il-Protokoll ikopri. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) fl-Artikolu 4(1) għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonat u pro rata temporis permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Madankollu, l-ammont totali annwali li tħallas l-Unjoni ma għandux jaqbeż id-doppju tal-ammont indikat fil-punt (a) fl-Artikolu 4(1).

2. Jekk ikun hemm bżonn, il-Kumitat Konġunt jista' jeżamina u jadatta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd u r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u tal-Anness tiegħu.

Artikolu 6

Appoġġ settorjali

1. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll jew minn meta dan jibda jiġi applikat b'mod provviżorju, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi fuq programm settorjali pluriennali u fuq regoli ddettaljati ta' implimentazzjoni li jkunu jkopru, b'mod partikulari, dan li ġej:

(a) il-linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-ammont speċifiku tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fil-punt (b) fl-Artikolu 4(1);

(b) il-miri annwali u pluriennali li għandhom jintlaħqu maż-żmien biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati attivitajiet tas-sajd responsabbli u sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet tal-Gambja msemmijin fil-politiki nazzjonali ta' dan il-pajjiż li għandhom x'jaqsmu mal-oqsma li ġejjin jew li għandhom impatt fuqhom:

(i) mal-miżuri ta' appoġġ u ta' ġestjoni għas-sajd, għall-akkwakultura u għas-sajd artiġjanali;

(ii) mal-ġestjoni tal-kwalità u tas-saħħa bil-għan li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-esportazzjoni;

(iii) mal-monitoraġġ, mal-kontroll u mas-sorveljanza tas-sajd u mal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU);

(iv) mal-iżvilupp u mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi fil-qasam tas-sajd;

(v) mal-miżuri għall-ħarsien ta' ekosistemi li huma fraġli jew ta' ekosistemi li taw kontribut sinifikanti għas-saħħa tal-istokkijiet, bħall-istabbiliment u l-ġestjoni ta' żoni tal-baħar protetti.

(c) il-kriterji u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tar-riżultati li jkunu nkisbu kull sena, fosthom, meta jkun xieraq, l-indikaturi finanzjarji u tal-kwalità.

2. L-użu tal-ammont speċifiku tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fil-punt (b) fl-Artikolu 4(1) għandu jissejjes fuq l-identifikazzjoni, min-naħa tal-Kumitat Konġunt, tal-għanijiet li jridu jintlaħqu u fuq il-programmazzjoni annwali u pluriennali biex dawn jinkisbu.

3. Il-Kumitat Konġunt irid jaqbel ma' kull emenda proposta fil-programm settorjali pluriennali. Jekk l-awtoritajiet tal-Gambja jkunu jridu jagħmlu xi bidliet urġenti fil-programm settorjali annwali, dan jista' jsir permezz tal-Kumitat Konġunt, fosthom permezz ta' skambju ta' ittri.

4. Kull sena l-awtoritajiet tal-Gambja għandhom jibagħtu rapport lill-Kumitat Konġunt dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

5. Qabel ma jiskadi l-Protokoll, l-awtoritajiet tal-Gambja għandhom jibagħtu rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali fil-kuntest tiegħu.

6. L-ammont speċifiku tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fil-punt (b) fl-Artikolu 4(1) għandu jitħallas bin-nifs, bi ħlasijiet parzjali. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-ħlas parzjali għandu jsir abbażi tal-ħtiġijiet identifikati bħala parti mill-programmazzjoni maqbula. Għas-snin ta' applikazzjoni ta' wara, il-ħlasijiet parzjali għandhom isiru abbażi tal-ħtiġijiet identifikati bħala parti mill-programmazzjoni maqbula u abbażi ta' analiżi tar-riżultati li jkunu nkisbu fl-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

7. L-Unjoni żżomm id-dritt li tirrevedi u/jew li tissospendi parti mill-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fil-punt (b) fl-Artikolu 4(1) ta' dan il-Protokoll jew il-ħlas kollu tagħha fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk, skont evalwazzjoni tal-Kumitat Konġunt, ir-riżultati li jkunu nkisbu ma jkunux konformi mal-programmazzjoni;

(b) jekk din il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tintużax kif ikun stabbilixxa l-Kumitat Konġunt.

8. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha terġa' tibda titħallas mill-ġdid wara konsultazzjoni bejn il-Partijiet u qbil fil-Kumitat Konġunt, fejn dan ikun iġġustifikat mir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-programmazzjoni maqbula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fil-punt (b) fl-Artikolu 4(1) ma tistax titħallas wara perjodu ta' sitt xhur minn meta jiskadi dan il-Protokoll.

9. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jiżguraw il-promozzjoni u l-viżibbiltà tal-miżuri implimentati permezz tal-appoġġ settorjali.

Artikolu 7

Kooperazzjoni xjentifika għal sajd responsabbli

1. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT u għandhom iqisu l-parir xjentifiku ta' organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti oħrajn.

2. Il-Partijiet jistgħu jorganizzaw laqgħa xjentifika konġunta meta jkun hemm bżonn sabiex jgħarblu l-kwistjonijiet xjentifiċi kollha marbutin mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll. Huma jistgħu jagħmlu dan f'kollaborazzjoni ma' korpi xjentifiċi reġjonali u sottoreġjonali oħrajn.

3. Skont ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT u l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u, meta dan ikun xieraq, il-konklużjonijiet tal-laqgħa xjentifika konġunta, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjoni dwar miżuri biex jiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd li jkopri dan il-Protokoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni.

Artikolu 8

Sajd esploratorju u opportunitajiet ġodda tas-sajd

1. Meta xi waħda mill-Partijiet titlob dan, il-Kumitat Konġunt jista' jqis il-possibbiltà li jsiru kampanji tas-sajd esploratorju fiż-żona tas-sajd tal-Gambja bil-ħsieb li tiġi ttestjata l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika ta' sajd ġdid li ma jkunx previst fl-Artikolu 3. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi, każ b'każ, l-ispeċijiet, il-kundizzjonijiet u kull parametru ieħor rilevanti.

2. Filwaqt li jitqies l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u skont ir-riżultati tal-kampanji esploratorji, jekk l-Unjoni tkun interessata f'opportunitajiet ġodda tas-sajd, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' biex jiddiskuti u jippreskrivi l-kundizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-attivitajiet tas-sajd il-ġodda.

3. Wara li l-Gambja tawtorizza dawn l-attivitajiet tas-sajd il-ġodda, il-Kumitat Konġunt għandu jagħmel l-emendi korrispondenti f'dan il-Protokoll u fl-Anness tiegħu.

Artikolu 9

Kooperazzjoni bejn operaturi ekonomiċi

Il-Partijiet għandhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti applikabbli, jikkollaboraw bejniethom biex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi fl-oqsma li ġejjin:

(a) fl-iżvilupp tal-attivitajiet marbutin mas-sajd, b'mod partikulari l-ipproċessar tal-ħut, il-manifattura tal-irkaptu tas-sajd u tal-materjal tas-sajd u l-bini tal-bastimenti u t-tiswija tagħhom;

(b) fil-promozzjoni tal-iskambju tal-għarfien espert professjonali u fit-taħriġ ta' dawk li jaħdmu fis-settur tas-sajd;

(c) fil-kummerċjalizzazzjoni u fil-bejgħ tal-prodotti tas-sajd;

(d) fl-ekonomija l-blu, fosthom l-akkwakultura.

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin sabiex jiżguraw li jkun hemm ambjent li jkun jiffavorixxi n-negozju biex jiġi promoss l-investiment fl-oqsma msemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu.

Artikolu 10

Skambju elettroniku tad-data

1. Il-Gambja u l-Unjoni jintrabtu li jimplimentaw is-sistemi meħtieġa għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u tad-dokumenti kollha marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim u ta' dan il-Protokoll.

2. F'kull waqt, il-forma elettronika ta' dokument għandha titqies li hija ekwivalenti għall-verżjoni stampata tiegħu.

3. Iż-żewġ Partijiet għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull ħsara fis-sistema tal-kompjuter li twaqqaf dawn l-iskambji. F'dawk iċ-ċirkustanzi, l-informazzjoni u d-dokumenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim u ta' dan il-Protokoll għandhom jinbidlu b'mod awtomatiku bil-verżjoni stampata tagħhom, kif iddefinit fl-Anness.

Artikolu 11

Kunfidenzjalità

1. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li d-data personali kollha marbuta mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba fil-kuntest tal-Ftehim, fosthom id-data li jiġbru l-osservaturi, tiġi ttrattata skont il-prinċipji tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-data.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li tiġi ppubblikata biss id-data aggregata marbuta mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw id-data li tista' titqies bħala kunfidenzjali biss għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u għall-ġestjoni, għall-kontroll u għall-monitoraġġ tas-sajd.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mad-data personali li tibgħat l-Unjoni, il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi salvagwardji u rimedji legali xierqa skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Artikolu 12

Tul ta' żmien

Dan il-Protokoll għandu japplika għal perjodu ta' sitt snin mid-data meta tibda l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Artikolu 13

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mid-data meta jiġi ffirmat.

Artikolu 14

Sospensjoni

L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet taħt il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 15 tal-Ftehim.

Artikolu 15

Terminazzjoni

Dan il-Protokoll jista' jiġi tterminat fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet taħt il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 16 tal-Ftehim.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li huma lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

([1]) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU UE L 119, 4.5.2016, p. 1).

Съставено в Брюксел на тридесет и първи юли две хиляди и деветнадесета година.

Hecho en Bruselas, el treinta y uno de julio de dos mil diecinueve.

V Bruselu dne třicátého prvního července dva tisíce devatenáct.

Udfærdiget i Bruxelles den enogtredivte juli to tusind og nitten.

Geschehen zu Brüssel am einunddreißigsten Juli zweitausendneunzehn.

Kahe tuhande üheksateistkümnenda aasta juulikuu kolmekümne esimesel päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τριάντα μία Ιουλίου δύο χιλιάδες δεκαεννέα.

Done at Brussels on the thirty first day of July in the year two thousand and nineteen.

Fait à Bruxelles, le trente et un juillet deux mille dix-neuf.

Sastavljeno u Bruxellesu trideset prvog srpnja godine dvije tisuće devetnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì trentuno luglio duemiladiciannove.

Briselē, divi tūkstoši deviņpadsmitā gada trīsdesmit pirmajā jūlijā.

Priimta du tūkstančiai devynioliktų metų liepos trisdešimt pirmą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenkilencedik év július havának harmincegyedik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-wieħed u tletin jum ta' Lulju fis-sena elfejn u dsatax.

Gedaan te Brussel, eenendertig juli tweeduizend negentien.

Sporządzono w Brukseli dnia trzydziestego pierwszego lipca roku dwa tysiące dziewiętnastego.

Feito em Bruxelas, em trinta e um de julho de dois mil e dezanove.

Întocmit la Bruxelles la treizeci și unu iulie două mii nouăsprezece.

V Bruseli tridsiateho prvého júla dvetisícdevätnásť.

V Bruslju, dne enaintridesetega julija leta dva tisoč devetnajst.

Tehty Brysselissä kolmantenakymmenentenäensimmäisenä päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattayhdeksäntoista.

Som skedde i Bryssel den trettioförsta juli år tjugohundranitton.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Република Гамбия
Por la República de Gambia
Za Gambijskou republiku
For vegne af Republikken Gambia
Für die Republik Gambia
Gambia Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Γκάμπια
For the Republic of The Gambia
Pour la République de Gambie
Za Republiku Gambiju
Per la Repubblica della Gambia
Gambijas Republikas vārdā –
Gambijos Respublikos vardu
A Gambiai Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Gambja
Voor de Republiek Gambia
W imieniu Republiki Gambii
Pela República da Gâmbia
Pentru Republica Gambia
Za Gambijskú republiku
Za Republiko Gambijo
Gambian tasavallan puolesta
För Republiken Gambias vägnar

ANNESS

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD MINN BASTIMENTI TAL-UNJONI FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-GAMBJA

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Nomina tal-awtorità kompetenti

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kull referenza għall-Unjoni jew għall-Gambja bħala awtorità kompetenti għandha tfisser:

— għall-Unjoni: il-Kummissjoni Ewropea, jekk ikun hemm bżonn permezz tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Gambja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Delegazzjoni tal-UE");

— għall-Gambja: il-Ministeru għas-sajd, għar-riżorsi tal-ilma u għall-kwistjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali tal-Gambja (MoFWR&NAMs).

Iż-żona tas-sajd tal-Gambja

2. Il-koordinati ġeografiċi taż-żona tas-sajd tal-Gambja huma kif iddefiniti fil-punt (i) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim.

3. Qabel l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll, l-awtoritajiet kompetenti tal-Gambja għandhom jgħarrfu lis-servizzi kompetenti tal-Unjoni bil-koordinati ġeografiċi tal-linja bażi tal-Gambja, taż-żona tas-sajd tal-Gambja u taż-żoni li fihom ma jistax isir sajd u tbaħħir.

4. Meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Gambja għandha tinnotifika lis-sidien tal-bastimenti dwar il-koordinati ta' dawn iż-żoni.

5. Tal-inqas xahrejn qabel l-infurzar, il-Gambja għandha tinnotifika lill-Unjoni dwar kull bidla fiż-żoni li fihom ma jistax isir sajd u tbaħħir.

Ħlasijiet mis-sidien tal-bastimenti

6. Qabel l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll, il-Gambja għandha tinnotifika lill-Unjoni dwar id-dettalji tal-kont jew kontijiet bankarji tal-Gvern li fihom iridu jitħallsu l-ammonti finanzjarji li l-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħallsu skont il-Ftehim. Is-sidien tal-bastimenti għandhom iħallsu l-ispejjeż tat-trasferimenti bankarji assoċjati ma' dawn il-ħlasijiet.

Dettalji ta' kuntatt

7. Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tal-Gambja jinsabu fl-Appendiċi 6 ta' dan l-Anness.

KAPITOLU II

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

TAQSIMA 1

APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD U ĦRUĠ TAGĦHA

Kundizzjonijiet biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd

1. Il-bastimenti eliġibbli biss jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni biex jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

2. Biex bastiment ikun eliġibbli, is-sid, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma jridux ikunu pprojbiti milli jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gambja. Dawn iridu jkunu f'qagħda regolari mal-awtoritajiet tal-Gambja, fis-sens li jridu jkunu ssodisfaw kull obbligu preċedenti li jkun ġej mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Gambja fil-kuntest tal-ftehimiet dwar is-sajd konklużi mal-Unjoni. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 5 tal-Ftehim għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li l-bastiment ikun imniżżel fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Il-bastimenti jridu jkunu inklużi wkoll fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT, u ma jridux ikunu fil-lista tal-bastimenti IUU tal-ICCAT jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd oħra.

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd

3. L-Unjoni għandha tibgħat, b'mod elettroniku, applikazzjoni għal kull bastiment li jkun jixtieq jistad skont il-Ftehim lid-Dipartiment tas-Sajd tal-inqas ħmistax-il jum kalendarju qabel jibda l-perjodu ta' validità mitlub, u għandha tibgħat kopja ta' din l-applikazzjoni lid-Delegazzjoni tal-UE.

([1]) Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU UE L 347, 28.12.2017, p. 81).

4. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fuq formola mfassla skont il-mudell mogħti fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness u magħhom għandhom jintbagħtu d-dokumenti li ġejjin:

   (a) evidenza li tħallset it-tariffa bil-quddiem għall-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd mitluba, li tagħha m'hemmx rifużjoni;

   (b) għal kull applikazzjoni inizjali skont il-Protokoll, jew wara li l-bastiment ikkonċernat issirlu bidla teknika, ritratt riċenti diġitali bil-kulur tal-bastiment (li jkun ittieħed sa 12-il xahar qabel), li jkollu riżoluzzjoni xierqa u li jkun juri l-ġenb tal-bastiment fid-dettall bl-isem tal-bastiment u n-numru ta' identifikazzjoni tiegħu li jidhru fuq il-buq;

5. L-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni msemmija fil-punt 4 se jużawha l-awtoritajiet kompetenti tal-Gambja biex jipproċessaw u joħorġu ċ-ċertifikat annwali tal-istat ta' navigabbiltà tal-bastiment fiż-żmien imsemmi fil-punt 3. Iċ-ċertifikat annwali tal-istat ta' navigabbiltà tal-bastiment irid jinħareġ qabel ma l-awtoritajiet kompetenti tal-Gambja joħorġu l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

6. Bħala parti mill-ewwel applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Protokoll, il-bastimenti tat-tkarkir tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond għandha ssirilhom spezzjoni qabel l-awtorizzazzjoni. L-ewwel awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ bil-patt u l-kundizzjoni li din l-ispezzjoni, li għandha ssir f'portijiet magħżulin fis-sottoreġjun maqbul bejn l-Unjoni u l-Gambja, suġġetta għal awtorizzazzjoni mingħand l-Istat tal-port ikkonċernat, tintemm tajjeb. L-ispejjeż kollha tal-ispezzjonijiet li jsiru barra mill-Port ta' Banjul għandu jħallashom sid il-bastiment.

7. Għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Protokoll fis-seħħ għal bastiment li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu ma jkunux inbidlu, mal-applikazzjoni għat-tiġdid għandha tintbagħat biss evidenza li tħallsu t-tariffi li tagħhom m'hemmx rifużjoni. Jekk ikunu nbidlu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-applikazzjoni għandha terġa' tintbagħat mill-ġdid bid-dokumenti rilevanti kollha kif speċifikat fil-punt 4 qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

8. Il-Gambja għandha toħroġ l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd lis-sidien tal-bastimenti, jew inkella tgħarraf lill-Unjoni li beħsiebha tirrifjutahom fi żmien ħmistax-il jum kalendarju minn meta tirċievi d-dokumenti kollha msemmijin fil-punt 4 ta' hawn fuq. L-awtorizzazzjoni tas-sajd oriġinali għandha tingħata lill-aġent lokali tas-sidien tal-bastimenti jew inkella tintbagħat lis-sidien tal-bastimenti permezz tad-Delegazzjoni tal-UE.

   Fl-istess waqt, sabiex l-attività tas-sajd ma tiħux fit-tul biex tinbeda, għandha tintbagħat kopja elettronika tal-awtorizzazzjoni tas-sajd minnufih lill-Unjoni biex din tintbagħat lil sid il-bastiment, u lid-Delegazzjoni tal-UE għall-informazzjoni. Din il-kopja tista' tintuża għal mhux aktar minn sittin jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd. Matul dan il-perjodu, il-kopja għandha titqies li hija ekwivalenti għall-awtorizzazzjoni oriġinali.

Lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu

9. Meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Gambja għandha tinkludi l-bastiment tal-Unjoni minnufih fil-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gambja. Din il-lista għandha tintbagħat minnufih lid-Dipartiment tas-Sajd (id-DoF), lill-Unità għall-Monitoraġġ, għall-Kontroll u għas-Sorveljanza tas-Sajd (FMCS) u lill-MoFWR&NAMs, kif ukoll lill-Unjoni. Il-Gambja għandha taġġorna b'mod regolari l-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu. Il-lista l-ġdida għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-istess awtoritajiet.

10. Jekk l-awtorizzazzjoni tas-sajd ma tinħariġx fiż-żmien speċifikat fil-punt 7, il-bastiment għandu jiddaħħal fil-lista b'mod provviżorju, sakemm ma jkunx hemm prova ċara li huwa ma jkunx jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 2. Matul dan iż-żmien, il-bastiment għandu jkun awtorizzat jistad.

Trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

11. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu għal bastiment speċifiku u ma għandhomx ikunu jistgħu jiġu ttrasferiti.

12. Madankollu, meta l-Unjoni titlob dan u jkun hemm prova ta' forza maġġuri, b'mod partikulari fil-każ tat-telf ta' bastiment jew tan-nuqqas ta' użu fit-tul tiegħu minħabba ħsara teknika gravi, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinbidel b'awtorizzazzjoni ġdida għal bastiment ieħor tal-istess kategorija tas-sajd tal-bastiment li jkun qed jinbidel, dejjem jekk tintbagħat applikazzjoni ġdida għall-awtorizzazzjoni tas-sajd kif meħtieġ skont il-punt 4 ta' hawn fuq, mingħajr il-ħtieġa li jitħallsu iktar tariffi. F'dan il-każ, fil-kalkolu tal-livelli tal-qabdiet biex jiġi stabbilit jekk għandux isir ħlas addizzjonali jew le għandhom jitqiesu l-qabdiet totali taż-żewġ bastimenti meħudin f'daqqa. Fuq talba tal-Unjoni, awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tkun tista' tiġi ttrasferita bla ħlas ukoll bejn żewġ bastimenti tal-istess kategorija tas-sajd jekk il-bastiment li jkollu l-liċenzja ma jkun beda l-ebda ħidma tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, u f'dan il-każ għandha tapplika l-proċedura normali għal talba.

13. Sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu għandu jagħti lura l-awtorizzazzjoni tas-sajd imħassra lill-Gambja permezz tad-Delegazzjoni tal-UE. L-awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida għandha tidħol fis-seħħ dakinhar li tingħata lura l-awtorizzazzjoni tas-sajd imħassra. Id-Delegazzjoni tal-UE għandha tiġi mgħarrfa bit-trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd.

14. Il-Gambja għandha taġġorna l-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu u għandha tibgħatha mingħajr dewmien lid-DoF, lill-FMCS u lill-MoFWR&NAMs, kif ukoll lill-Unjoni.

Perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

15. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief għandhom ikunu validi għal sena. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir li jbaħħru fl-oċeani u li jintużaw għas-sajd għall-ħut (għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond) għandhom ikunu validi għal tliet xhur.

16. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu.

17. Sabiex jiġi stabbilit meta jibda l-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd:

— "perjodu ta' sena" għandha tfisser: għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu mid-data ta' meta jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena; wara dan, kull sena kalendarja sħiħa; u għall-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu mill-1 ta' Jannar sa meta jiskadi l-Protokoll;

— "perjodu ta' tliet xhur" għandha tfisser: meta jibda japplika l-Protokoll, il-perjodu mid-data ta' meta jidħol fis-seħħ sad-data meta jibda l-perjodu ta' tliet xhur ta' wara, li jrid jibda bil-fors fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' April, fl-1 ta' Lulju jew fl-1 ta' Ottubru; wara dan, kull perjodu sħiħ ta' tliet xhur; u fi tmiem l-applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu minn tmiem l-aħħar perjodu sħiħ ta' tliet xhur sa meta jiskadi l-Protokoll.

Dokumenti li jridu jinżammu abbord

18. Meta l-bastiment tas-sajd ikun fiż-żona tas-sajd tal-Gambja jew f'xi port magħżul fis-sottoreġjun kif miftiehem, abbord il-bastiment iridu jinżammu d-dokumenti li ġejjin il-ħin kollu:

(a) l-awtorizzazzjoni tas-sajd;

(b) iċ-ċertifikat tal-istat ta' navigabbiltà tal-bastiment;

(c) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-bastiment;

(d) iċ-ċertifikat tat-tunnellaġġ;

(e) iċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni;

(f) disinn u deskrizzjoni fid-dettall tal-irkaptu tas-sajd użat;

(g) disinji jew deskrizzjonijiet iċċertifikati aġġornati tal-bastiment tas-sajd u l-aktar l-għadd ta' stivi tal-ħut tiegħu, bil-kapaċità tal-ħżin tagħhom mogħtija f'metri kubi;

(h) jekk ikunu nbidlu l-karatteristiċi tal-bastiment tas-sajd b'rabta mat-tul totali tiegħu, mat-tunnellaġġ gross irreġistrat tiegħu, mal-potenza tal-magna jew tal-magni ewlenin tiegħu jew mal-kapaċità tal-istivi tiegħu, ċertifikat iċċertifikat minn awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera tiegħu li jiddeskrivi n-natura ta' dan it-tibdil.

TAQSIMA 2

KUNDIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD – TARIFFI B'RATA FISSA U ĦLASIJIET BIL-QUDDIEM

1. Speċijiet li jpassu ħafna:

(a) fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u tal-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief, it-tariffa li trid titħallas hija ta' EUR 70 għal kull tunnellata ħut li tinqabad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

(b) l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu ladarba jkunu tħallsu t-tariffi b'rata fissa li ġejjin lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti:

(i) għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni: EUR 4 200 għal kull bastiment, li huma daqs il-prezz ta' 60 tunnellata qabdiet fis-sena;

(ii) għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief: EUR 1 400 għal kull bastiment, li huma daqs il-prezz ta' 20 tunnellata qabdiet fis-sena.

(c) fejn il-kalkolu finali jkun ikbar mit-tariffa b'rata fissa li tkun tħallset minn qabel biex inkisbet l-awtorizzazzjoni tas-sajd, sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ pendenti lill-Gambja abbażi tat-tariffa indikata fil-punt (b) tal-paragrafu 19 sad-data indikata fil-paragrafu 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV ta' dan l-Anness. Fejn il-kalkolu finali jkun inqas mit-tariffa b'rata fissa li tkun tħallset minn qabel, sid il-bastiment ma għandux ikun jista' jirkupra l-ammont li jifdal.

2. Speċijiet tal-ħut tal-qiegħ

L-ammont tat-tariffa għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ huwa mogħti fl-iskeda teknika mogħtija fl-Appendiċi 2b. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu ladarba jkunu tħallsu t-tariffi bil-quddiem indikati f'dik l-iskeda lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

3. It-tariffa bil-quddiem għandha tinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha minbarra t-taxxi tal-portijiet u l-ispejjeż għall-provvista tas-servizzi.

4. Jekk il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd ikun inqas minn sena, b'mod partikulari minħabba perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, l-ammont tat-tariffa bil-quddiem għandu jiġi adattat b'mod proporzjonat għall-perjodu ta' validità mitlub.

TAQSIMA 3

BASTIMENTI TAL-GĦAJNUNA

1. Lill-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Gambja għandha tawtorizzahom jiġu megħjuna minn bastimenti tal-għajnuna. Il-bastimenti tal-għajnuna għandhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni u ma għandhomx ikunu mgħammra għas-sajd jew jintużaw għat-trażbord.

2. Il-Gambja għandha tiddefinixxi l-attivitajiet tal-għajnuna tagħha u l-kundizzjonijiet biex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet, u għandha tfassal lista tal-bastimenti tal-għajnuna awtorizzati u tibgħatha mingħajr dewmien lill-korp nazzjonali għall-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni.

3. It-tariffa annwali għall-awtorizzazzjoni applikabbli għall-bastimenti tal-għajnuna hija ta' EUR 2 000 għal kull bastiment.

KAPITOLU III

MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI

Il-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni li japplikaw għall-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd, relattivi għaż-żona tas-sajd tal-Gambja, għal irkaptu tas-sajd u għal qabdiet addizzjonali, għandhom jiġu ddefiniti għal kull kategorija tas-sajd fl-iskedi tekniċi mogħtija fl-Appendiċi 2a u fl-Appendiċi 2b ta' dan l-Anness.

Il-bastimenti għandhom jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-ICCAT u d-dispożizzjonijiet taħt il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Gambja sakemm il-Ftehim u l-Protokoll ma jkunux jipprevedu mod ieħor.

L-użu tal-kannizzati tat-tisqif (FADs, fish aggregating devices) fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandu jkun limitat biss għal sistemi artifiċjali bi strutturi mdendlin taħt l-ilma li fihom ma jitħabbilx il-ħut. It-tali kannizzati tat-tisqif artifiċjali għandhom jintelqu u jintużaw bil-kundizzjoni li l-Unjoni tadotta pjan ta' ġestjoni li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet adottati mill-ICCAT.

Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom iwettqu l-attivitajiet tas-sajd kollha b'mod li ma jfixkilx is-sajd tradizzjonali tal-post u għandhom jeħilsu lill-fkieren, lill-mammiferi tal-baħar, lill-għasafar tal-baħar u lill-ħut tas-sikek kollu bl-aqwa mod possibbli biex din il-qabda mħallta tibqa' ħajja.

Il-bastimenti tal-Unjoni u l-kaptani u l-operaturi tagħhom għandhom iwettqu l-ħidmiet tas-sajd kollha b'mod li ma jfixklux l-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti oħrajn tas-sajd u li ma jbagħbsux fl-irkaptu tas-sajd ta' bastimenti oħrajn tas-sajd.

KAPITOLU IV

KONTROLL, MONITORAĠĠ U SORVELJANZA

TAQSIMA 1

Reġistrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd – trażmissjoni lill-FMCS tal-Gambja

1. Kuljum, il-kaptan għandu jniżżel fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, għal kull ħidma tas-sajd, l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi li jkunu nqabdu u nżammu abbord jew li jkunu ġew skartati. L-istima tal-kwantitajiet ta' speċi li jkunu nqabdu jew li jkunu ġew skartati għandha titniżżel fil-ġurnal irrispettivament mill-piż ikkonċernat.

2. Jekk bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tal-Gambja mingħajr ma jwettaq attività tas-sajd, għandha tiġi rreġistrata l-pożizzjoni tiegħu f'nofsinhar.

3. Il-ġurnali ta' abbord għandhom jintbagħtu b'mod awtomatiku kuljum lill-Gambja b'mezzi elettroniċi (permezz tas-sistema elettronika tar-rappurtar – ERS) għal kull perjodu li fih il-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u skont l-Appendiċi 5, anke f'każ li ma jkunx hemm qabdiet.

4. It-trażmissjoni elettronika ta' kuljum lill-Gambja għandha tinkludi tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) in-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd u ismu;

(b) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika minn fejn ikun inqabad il-ħut;

(c) id-data meta nqabad il-ħut u, meta jkun japplika, il-ħin li fih ikun inqabad;

(d) id-data u l-ħin tat-tluq mill-port u tal-wasla fih u t-tul taż-żmien tal-vjaġġ tas-sajd;

(e) it-tip ta' rkaptu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-qisien tiegħu;

(f) l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi f'kilogrammi, mogħtija fl-ekwivalenti ta' piż ħaj jew, meta jkun japplika, fl-għadd ta' ħut individwali;

(g) l-istima tal-qbid skartat f'volum, fl-ekwivalenti ta' piż ħaj;

(h) il-fatturi tal-konverżjoni użati.

5. B'deroga mill-punt 3, jekk bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għal inqas minn 24 siegħa u ma jaqbad l-ebda ħut fiha jew ma jiskarta l-ebda ħut fiha, lill-FMCS tal-Gambja għandha tintbagħatilha biss id-data dwar il-qabdiet tal-bastiment mad-dħul tiegħu fiż-żona u mal-ħruġ tiegħu minnha. Il-messaġġi awtomatiċi korrispondenti għandhom jintbagħtu lill-FMCS tal-Gambja.

6. Jekk fil-Gambja ma jkunx hemm sistema biex tirċievi b'mod awtomatiku l-ġurnali ta' abbord b'mezzi elettroniċi, il-bastiment għandu jibgħathom lill-FMCS tal-Gambja, liċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd ("ĊMS") tal-Istat tal-bandiera u lill-Kummissjoni Ewropea b'mod manwali permezz tal-posta elettronika jew b'mezzi oħrajn sa mhux aktar tard minn 48 siegħa minn meta jerġa' lura lejn il-port, fil-format mogħti fl-Appendiċi 3. Il-Gambja għandha tipprovdi d-dettalji għat-trażmissjoni u għandha żżommhom aġġornati. Il-Gambja għandha tiżgura li l-FMCS tagħha tkun kapaċi tirċievi l-kopji elettroniċi tal-ġurnali ta' abbord kull ħin.

7. Fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar tal-qabdiet, il-Gambja tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat sakemm tinkiseb id-dikjarazzjoni nieqsa tal-qabdiet u tista' tippenalizza lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun fis-seħħ. Jekk il-ksur jiġi ripetut, il-Gambja tista' tirrifjuta li ġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Gambja għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kull sanzjoni applikata f'dan il-kuntest.

Dikjarazzjonijiet tal-qabdiet lill-Gambja – ħlas ta' tariffi u kontribuzzjonijiet relattivi għal-qabdiet

8. Il-kwantitajiet tal-qabdiet u l-kwantitajiet skartati għal kull bastiment, aggregati għal xahar, għandhom jiġu aġġornati kull tliet xhur fil-bażi tad-data li żżomm il-Kummissjoni Ewropea, jew kull xahar fil-każ tal-ispeċijiet li għalihom hemm qabda totali permissibbli fil-kuntest tal-Protokoll.

9. L-aġġornamenti għandhom jiżguraw li jkun hemm kontroverifika tad-data mad-data dwar il-ħatt l-art, dwar il-bejgħ u dwar l-ispezzjoni, mad-data xjentifika jew ta' osservazzjoni u ma' kull informazzjoni rilevanti oħra. L-aġġornamenti li jkun hemm bżonn isiru fil-bażi tad-data minħabba dawn il-verifiki għandhom isiru mill-aktar fis possibbli. Għall-kontroverifiki għandhom jintużaw il-koordinati ġeografiċi taż-żona tas-sajd tal-Gambja stabbiliti skont il-Protokoll.

10. Fil-każ tal-ipproċessar abbord, l-ekwivalenti tal-piż ħaj għandu jinkiseb billi jintuża fattur tal-konverżjoni għall-kejl tal-piż ipproċessat li jingħata fuq talba.

11. Qabel tmiem kull perjodu ta' tliet xhur, l-Unjoni għandha tipprovdi lill-Gambja data aggregata għall-perjodi preċedenti ta' tliet xhur tas-sena li tkun għaddejja, misluta mill-bażi tad-data, li tkun tindika l-kwantitajiet tal-qabdiet għal kull bastiment, għal kull xahar tal-qabda u għal kull speċi. Din id-data għandha titqies bħala provviżorja. Il-Gambja għandha tanalizzaha u għandha tirrapporta kull nuqqas kbir ta' konsistenza bejn din id-data u d-data mhux ipproċessata li hija tkun irċeviet, b'mod partikulari d-dikjarazzjonijiet tal-ġurnali stampati ta' abbord jew dawk ipprovduti permezz tal-ERS. Il-Partijiet għandhom jinvestigaw dan u għandhom jiżguraw li jaġġornaw id-data skont il-bżonn.

12. Qabel il-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-Unjoni għandha tipprovdi data aggregata li tkun tindika, għal kull bastiment, għal kull xahar u għal kull speċi, il-kwantitajiet tal-qabdiet li jkunu saru fiż-żona tas-sajd tal-Gambja matul is-sena kalendarja ta' qabel.

13. L-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jibagħtu lill-Gambja u lill-Istat tal-bandiera l-kalkolu tat-tariffi dovuti għal kull bastiment bħala gwida.

14. Il-Gambja għandu jkollha xahar, sat-30 ta' April, biex tikkontesta d-data mibgħuta u biex tipprovdi dikjarazzjoni differenti tal-qabdiet ta' kull bastiment u l-elementi li fuqhom qed tibbaża l-oġġezzjoni tagħha, bħar-rapporti tal-ispezzjoni jew id-data tal-osservaturi. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu d-diskrepanzi fid-data fi żmien xahar minn meta l-Gambja twieġeb, jiġifieri sal-31 ta' Mejju.

15. Sal-15 ta' Ġunju, id-dikjarazzjonijiet ibbażati fuq il-kwantitajiet mislutin mill-bażi tad-data tal-UE għandhom jintbagħtu lis-sidien tal-bastimenti sabiex dawn iħallsu t-tariffi dovuti fi żmien 45 jum għall-qabdiet addizzjonali għal ġol-kont bankarju maħsub għall-ħlas tat-tariffi għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd. Il-Gambja għandha timmonitorja dawn il-ħlasijiet u tirrapporta lill-Unjoni kull dewmien jew kull ħlas mhux komplut.

16. F'kull każ, wara jew fil-każ ta' nuqqas ta' qbil persistenti, il-Partijiet jistgħu jemendaw id-data dwar il-qabdiet għal sena partikulari abbażi ta' fatti bħad-data tal-ġurnali ta' abbord, id-data mill-osservazzjonijiet li jkunu saru abbord il-bastimenti u waqt il-vjaġġi tas-sajd jew id-data tal-istituti xjentifiċi. It-tali emendi jistgħu jsiru sal-1 ta' Settembru tas-sena ta' wara dik li fiha jkunu saru l-qabdiet u f'dak il-każ il-Partijiet għandhom javżaw lil xulxin mingħajr dewmien b'dan.

17. Il-Partijiet għandhom japprovaw id-data fil-Kumitat Konġunt, possibbilment bi skambju ta' ittri, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru tas-sena ta' wara dik li fiha jkunu saru l-qabdiet. Kull korrezzjoni li japprova l-Kumitat Konġunt għandha twassal għall-ħlasijiet addizzjonali meħtieġa. Il-qabdiet li japprova l-Kumitat Konġunt għandhom isiru l-qabdiet uffiċjali tal-Unjoni fil-Gambja għas-sena kkonċernata u għandhom jiġu aġġornati fil-bażi tad-data li żżomm il-Kummissjoni Ewropea.

18. Jekk il-Kumitat Konġunt isib li l-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħallsu tariffi addizzjonali, dawn il-ħlasijiet għandhom isiru fi żmien sitt xhur minn meta huwa jsib dan. Il-Gambja għandha jew tħallas lura l-ħlasijiet żejda li jkunu saru jew inkella tagħti kreditu għal-liċenzji għal bastiment tal-Istat tal-bandiera kkonċernat għalihom.

19. Kwalunkwe aġġornament li jagħmel il-Kumitat Konġunt għandu jitqies għall-ħlas, min-naħa tal-Unjoni, tat-tunnellaġġ addizzjonali tal-qabdiet li jkun iktar mit-tunnellaġġ ta' referenza għal sena sħiħa, kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll.

TAQSIMA 2

ĦATT L-ART U TRAŻBORD

Proċedura ta' ħatt l-art ([2])

1. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq iħott l-art il-qabdiet miż-żona tas-sajd tal-Gambja f'port ta' dan il-pajjiż għandu jibgħat l-informazzjoni li ġejja lill-Gambja, tal-inqas 48 siegħa qabel il-ħatt l-art:

   (a) isem il-bastiment tas-sajd li għandu jħott il-ħut l-art u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (l-IRCS) tiegħu;

   (b) il-port ta' ħatt l-art;

   (c) id-data u l-ħin previsti għall-ħatt l-art;

   (d) il-kwantità ta' kull speċi li għandha tinħatt l-art (identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha) (mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali);

   (e) il-preżentazzjoni tal-prodotti.

2. Il-ħatt l-art irid isir fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, f'port tal-Gambja li jkun awtorizzat għal dan il-għan.

3. Jekk ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta' ħatt l-art, għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Gambja.

Trażbord ([3])

4. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq jittrażborda ħut li jkun qabad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja f'port ta' dan il-pajjiż għandu jibgħat l-informazzjoni li ġejja lill-Gambja, tal-inqas 48 siegħa qabel it-trażbord:

   (a) isem il-bastiment tas-sajd donatur u l-IRCS tiegħu;

   (b) isem il-bastiment tas-sajd riċevitur u l-IRCS tiegħu;

   (c) il-port tat-trażbord;

   (d) id-data u l-ħin previsti għat-trażbord;

   (e) il-kwantità ta' kull speċi li għandha tiġi ttrażbordata (identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha) (mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali);

   (f) il-preżentazzjoni tal-prodotti.

([2]) L-informazzjoni marbuta ma' din il-proċedura għandha tintbagħat billi tintuża l-formola mogħtija fl-Appendiċi 3. Mid-data li l-Partijiet jaqblu dwarha bejniethom għall-migrazzjoni lejn l-ERS imbagħad, għandha tintuża din is-sistema biex tintbagħat din l-informazzjoni minflok.

([3]) L-informazzjoni marbuta ma' din il-proċedura għandha tintbagħat billi tintuża l-formola mogħtija fl-Appendiċi 3. Mid-data li l-Partijiet jaqblu dwarha bejniethom għall-migrazzjoni lejn l-ERS imbagħad, għandha tintuża din is-sistema biex tintbagħat din l-informazzjoni minflok.

5. It-trażbord għandu jsir f'port tal-Gambja li jkun awtorizzat għal dan il-għan fil-preżenza tal-ispetturi tal-Gambja. Sabiex ikun evitat kull dewmien, f'każijiet eċċezzjonali meta ma jkunx jista' jkun preżenti xi spettur tal-Gambja, il-kaptan għandu jiġi awtorizzat jibda t-trażbord malli jiskadi l-perjodu ta' notifika mogħti skont il-punt 4. Ma jistax isir trażbord fuq il-baħar.

TAQSIMA 3

KONTROLL U SPEZZJONI

Dħul fiż-żona u ħruġ minnha

1. Il-Gambja trid tiġi mgħarrfa b'kull bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd li jidħol fiż-żona tas-sajd tagħha jew li joħroġ minnha tal-inqas erba' sigħat qabel id-dħul jew il-ħruġ.

2. Meta tkun qed issir in-notifika tad-dħul jew tal-ħruġ tal-bastiment tal-Unjoni, għandha tintbagħat b'mod partikulari l-informazzjoni li ġejja:

   (a) id-data, il-ħin u l-punt tal-passaġġ skedati;

   (b) il-kwantità ta' kull speċi miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha u mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali;

   (c) il-preżentazzjoni tal-prodotti.

3. In-notifika għandha ssir preferibbilment bil-posta elettronika jew, jekk dan ma jkunx possibbli, bil-faks jew bir-radju, f'indirizz tal-posta elettronika, fuq numru tat-telefon jew fuq frekwenza mogħtija mill-Gambja kif speċifikat fl-Appendiċi 6. Il-Gambja għandha twieġeb l-ittra elettronika minnufih biex tikkonferma li rċeviet din in-notifika. Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika, fin-numru tat-telefon jew fil-frekwenza tat-trażmissjoni, il-Gambja għandha tgħarraf minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'dan.

4. Kwalunkwe bastiment tal-Unjoni li jinstab jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja mingħajr ma jkun innotifika minn qabel il-preżenza tiegħu għandu jitqies bħala bastiment li qed jistad b'mod illegali.

Spezzjoni fil-port jew fuq il-baħar

5. L-ispezzjoni fil-port jew fuq il-baħar fl-ilmijiet tal-Gambja tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom jagħmluha bastimenti u spetturi tal-Gambja li jkunu identifikati b'mod ċar bħala bastimenti u spetturi maħturin biex iwettqu l-verifiki tas-sajd.

6. Qabel jitilgħu abbord, l-ispetturi awtorizzati għandhom javżaw lill-bastiment tal-Unjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu spezzjoni. L-ispezzjoni għandha ssir minn spetturi tas-sajd li jridu jagħtu prova tal-identità u tal-kariga uffiċjali tagħhom bħala spetturi qabel ma jwettqu l-ispezzjoni. Meta tkun qed issir il-proċedura tal-ispezzjoni, il-kaptan tal-bastiment għandu jikkoopera.

7. L-ispetturi awtorizzati għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni għall-ħin meħtieġ biex iwettqu l-kompiti marbutin mal-ispezzjoni biss. Dawn għandhom jagħmlu l-ispezzjoni b'tali mod li jillimitaw kemm jistgħu l-impatt fuq il-bastiment, fuq l-attività tas-sajd tiegħu, fuq il-merkanzija tiegħu u fuq l-attivitajiet ta' ħatt l-art jew ta' trażbord tiegħu.

8. Il-Gambja tista' tawtorizza lill-Unjoni tieħu sehem fl-ispezzjonijiet bħala osservatur.

9. Fi tmiem kull spezzjoni, l-ispetturi awtorizzati għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu jkollu d-dritt iżid il-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandhom jiffirmawh l-ispettur li fasslu u l-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni.

10. Il-fatt li l-kaptan jiffirma r-rapport tal-ispezzjoni ma għandux jippreġudika d-dritt tad-difiża ta' sid il-bastiment tul xi proċedura marbuta mal-ksur. Jekk il-kaptan jirrifjuta li jiffirma dak id-dokument, għandu jagħti r-raġunijiet preċiżi għal dan bil-miktub u l-ispettur għandu jniżżel il-kliem "irrifjuta li jiffirma" fuq id-dokument. Qabel jinżlu minn fuq il-bastiment, l-ispetturi awtorizzati għandhom jagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni. F'każ ta' ksur, fi żmien tmint ijiem kalendarji mill-ispezzjoni għandha tintbagħat kopja tan-notifika tal-ksur ukoll lill-Unjoni.

Monitoraġġ parteċipattiv fil-ġlieda kontra s-sajd IUU

11. Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jirrappurtaw il-preżenza ta' kull bastiment fiż-żona tas-sajd tal-Gambja li jkun qed iwettaq attivitajiet issuspettati li huma attivitajiet tas-sajd IUU, u għandhom ifittxu li jiksbu kemm jista' jkun informazzjoni dwar dak li jkunu lemħu. Ir-rapporti tal-osservazzjoni għandhom jintbagħtu minnufih lid-DoF, lill-FMCS u lill-MoFWR&NAMs, kif ukoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bastiment li jkun wettaq l-osservazzjoni, li min-naħa tagħha għandha tibgħathom minnufih lill-Unjoni jew lill-korp li din tkun għażlet.

12. Il-Gambja għandha tibgħat lill-Unjoni kull rapport tal-osservazzjoni li jkollha dwar bastimenti tas-sajd li jkunu qed iwettqu attivitajiet suspettati li jkunu attivitajiet tas-sajd IUU fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

TAQSIMA 4

SISTEMA TA' MONITORAĠĠ TAL-BASTIMENTI ABBAŻI TA' SATELLITA (VMS, VESSEL MONITORING SYSTEM)

Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti – is-sistema VMS

1. Meta jkunu fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, il-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd iridu jkunu mgħammra l-ħin kollu b'sistema ta' monitoraġġ abbażi ta' satellita– VMS – biex ikunu jistgħu jikkomunikaw il-pożizzjoni tagħhom b'mod awtomatiku u kontinwu, kull sagħtejn, liċ-ċentru ta' kontroll tas-sajd – iċ-ĊMS – tal-Istat tal-bandiera tagħhom.

2. Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni jrid ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

   (b) l-aktar pożizzjoni ġeografika riċenti tal-bastiment (il-lonġitudni u l-latitudni), b'marġni ta' żball tal-pożizzjoni ta' inqas minn 100 metru, u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %;

   (c) id-data u l-ħin li fihom tkun ġiet irreġistrata l-pożizzjoni;

   (d) il-veloċità u r-rotta tal-bastiment.

3. Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni jrid ikun ikkonfigurat skont il-format mogħti fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.

4. L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "ENT". Il-pożizzjonijiet kollha ta' wara għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi "POS", ħlief għall-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Gambja, li għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "EXI".

5. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura l-ipproċessar awtomatiku u, jekk ikun hemm bżonn, it-trażmissjoni elettronika tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni. Il-messaġġi dwar il-pożizzjoni għandhom jiġu rreġistrati b'mod sigur u għandhom jinżammu għal perjodu ta' tliet snin.

Trażmissjoni min-naħa tal-bastiment f'każ ta' ħsara fil-VMS

6. Il-kaptan għandu jiżgura li, matul il-ħin kollu, il-VMS tal-bastiment tiegħu tkun qed taħdem tajjeb u li l-messaġġi dwar il-pożizzjoni jkunu qed jintbagħtu sew liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera.

7. F'każ ta' ħsara, il-VMS tal-bastiment għandha tissewwa jew tinbidel fi żmien għaxart ijiem. Wara dak il-perjodu, il-bastiment ma għandux jibqa' awtorizzat jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

8. Il-bastimenti li jkunu qed jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gambja b'VMS difettuża jridu jibagħtu l-messaġġi dwar il-pożizzjoni tagħhom permezz ta' ittra elettronika, bir-radju jew bil-faks liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, tal-inqas kull erba' sigħat, u jridu jibagħtu l-informazzjoni obbligatorja kollha.

Komunikazzjoni sigura tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni lill-Gambja

9. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat awtomatikament il-messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti kkonċernati lill-FMCS tal-Gambja. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tal-Gambja għandhom jiskambjaw bejniethom l-indirizzi elettroniċi ta' kuntatt tagħhom u għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull bidla f'dawk l-indirizzi.

10. It-trażmissjoni tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bejn iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tal-Gambja għandha ssir b'mod elettroniku bl-użu ta' sistema sigura tal-komunikazzjoni.

11. L-FMCS tal-Gambja għandha tgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni b'kull interruzzjoni fil-wasla tal-messaġġi konsekuttivi dwar il-pożizzjoni ta' bastiment li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd, meta l-bastiment ikkonċernat ma jkunx innotifika l-ħruġ tiegħu miż-żona.

Ħsarat fis-sistema tal-komunikazzjoni

12. Il-Gambja għandha tiżgura li t-tagħmir elettroniku tagħha jkun kompatibbli ma' dak taċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kull diffikultà fil-komunikazzjoni u fil-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bil-għan li tinstab soluzzjoni teknika għal dan mill-aktar fis possibbli. Il-Kumitat Konġunt għandu jipprova jsolvi kull tilwima li tista' tinqala' minħabba f'hekk.

13. Il-kaptan għandu jitqies bħala responsabbli għal kull manipulazzjoni ppruvata tal-VMS tal-bastiment li jkollha l-għan li tfixkel l-operat ta' din is-sistema jew li tiffalsifika l-messaġġi tagħha dwar il-pożizzjoni tal-bastiment. Kull ksur għandu jkun suġġett għall-pieni previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Gambja li tkun fis-seħħ.

Reviżjoni tal-frekwenza tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni

14. Abbażi ta' evidenza ddokumentata li turi ksur, il-Gambja tista' titlob liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera jnaqqas l-intervall tat-trażmissjoni tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni ta' bastiment għal kull 30 minuta għal perjodu stabbilit tal-investigazzjoni, u tibgħat kopja lill-Unjoni ta' din it-talba. Il-Gambja trid tibgħat din l-evidenza ddokumentata mingħajr dewmien liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibda jibgħat minnufih il-messaġġi dwar il-pożizzjoni lill-Gambja bil-frekwenza l-ġdida.

15. Malli jintemm il-perjodu stabbilit tal-investigazzjoni, il-Gambja għandha tgħarraf minnufih liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni b'dan, u wara għandha tinfurmahom b'kull azzjoni ta' segwitu li seta' kien hemm.

TAQSIMA 5

OSSERVATURI

Osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd

1. Il-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu suġġetti għal skema ta' osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tagħhom imwettqin taħt dan il-Ftehim.

2. Din l-iskema ta' osservazzjoni għandha tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT.

3. Sa meta jibda jitħaddem il-Programm tal-Osservaturi Reġjonali l-ġdid tal-ICCAT, għall-osservaturi għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

Bastimenti u osservaturi magħżulin

4. Il-bastimenti tat-tkarkir tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond huma obbligati jkollhom osservatur abbord. Id-DoF għandu jagħżel lill-osservatur assenjat għall-bastimenti tat-tkarkir tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond sa mhux iktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel id-data prevista għall-imbark tal-osservatur.

5. L-osservaturi ma għandhomx iqattgħu iżjed minn tliet xhur abbord il-bastimenti tat-tkarkir tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond. L-osservaturi ma għandhomx iqattgħu iżjed ħin abbord il-bastiment milli jkollhom bżonn biex iwettqu dmirijiethom.

6. Għall-bastimenti tal-Unjoni tas-sajd għat-tonn, id-DoF jista' jagħżel il-bastimenti li jridu jħallu osservatur jitla' abbord kif ukoll l-osservatur assenjat lilhom sa mhux iktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel id-data prevista għall-imbark tal-osservatur. Għadd massimu ta' 15 % tal-bastimenti awtorizzati tal-Unjoni tas-sajd għat-tonn għandu jkollhom osservatur abbord.

7. Id-DoF għandu jagħmel ħiltu sabiex ma jagħżilx osservaturi għall-bastimenti tal-Unjoni tas-sajd għat-tonn li diġà jkollhom osservatur abbord jew li diġà jkunu obbligati formalment li jtellgħu osservatur abbord waqt l-istaġun tas-sajd ikkonċernat fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom f'żoni tas-sajd oħrajn minbarra dik tal-Gambja.

8. L-osservaturi għandhom idumu abbord il-bastimenti tal-Unjoni tas-sajd għat-tonn għal vjaġġ tas-sajd wieħed jew, meta sid il-bastiment jitlob dan b'mod espliċitu, għal diversi vjaġġi tas-sajd għal bastiment partikulari. L-osservaturi ma għandhomx iqattgħu iżjed ħin abbord il-bastiment milli jkollhom bżonn biex iwettqu dmirijiethom.

9. Meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, id-DoF għandu jgħarraf lill-Unjoni u lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, bil-bastimenti magħżulin u bl-osservaturi li se jkunu preżenti abbord kull bastiment. Il-ħin u l-port tal-imbark, li mhux bilfors ikun port tal-Gambja, għandu jagħżilhom sid il-bastiment. Id-DoF għandu jgħarraf minnufih lill-Unjoni u lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, b'kull bidla fil-bastimenti u fl-osservaturi magħżulin.

Kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa

10. Meta jkunu qed iħallsu t-tariffa annwali bil-quddiem, is-sidien tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u tal-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief għandhom iħallsu lill-Gambja ammont b'rata fissa ta' EUR 300 fis-sena għal kull bastiment.

11. Meta jkunu qed iħallsu t-tariffa b'rata fissa ta' kull tliet xhur, is-sidien tal-bastimenti tat-tkarkir li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond għandhom iħallsu lill-Gambja wkoll ammont b'rata fissa ta' EUR 75 għal kull bastiment għall-funzjonament tajjeb tal-programm tal-osservaturi.

Paga tal-osservatur

12. Il-paga u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur għandha tħallashom il-Gambja.

Kundizzjonijiet tal-imbark

13. Il-kundizzjonijiet tal-imbark tal-osservatur, b'mod partikulari t-tul ta' żmien tiegħu abbord, għandhom jiġu ddefiniti bi ftehim reċiproku bejn sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu u d-DoF.

14. Meta jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħall-uffiċjali. Madankollu, meta l-osservatur jintlaqa' abbord għandha titqies l-istruttura teknika tal-bastiment.

15. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ikel tal-osservatur abbord, inkluż l-aċċess tiegħu għall-faċilitajiet ta' tindif u għat-tojlits, li jkunu tal-inqas tal-istess kwalità bħal dawk li għandhom l-uffiċjali fuq il-bastiment tas-sajd, għandu jħallashom sid il-bastiment.

16. Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu sabiex jiżgura s-sikurezza fiżika u l-benesseri ġenerali tal-osservatur.

17. Il-kaptan għandu jiżgura li l-osservatur ikollu aċċess għall-faċilitajiet, għall-irkaptu u għat-tagħmir abbord il-bastiment li huwa jkun jeħtieġ biex iwettaq dmirijietu, fosthom:

(a) il-pont u t-tagħmir tal-komunikazzjoni u tan-navigazzjoni tal-bastiment;

(b) id-dokumenti u r-reġistri, inklużi l-ġurnali kollha ta' abbord tal-bastiment, kemm jekk dawn ikunu meħtieġa jinġarru u jinżammu skont ir-Regolament tal-Gambja dwar is-Sajd jew xi mod ieħor għall-finijiet tal-ispezzjoni tar-reġistri u tal-ikkupjar.

18. Kull waqt, il-kaptan għandu jħalli lill-osservatur:

(a) jirċievi u jibgħat messaġġi u jikkomunika max-xatt u ma' bastimenti oħrajn bit-tagħmir tal-komunikazzjoni tal-bastiment;

(b) jieħu, ikejjel u jneħħi mill-bastiment u jżomm kampjuni jew bċejjeċ sħaħ ta' xi ħut;

(c) jaħżen kampjuni jew bċejjeċ sħaħ fuq il-bastiment, inklużi kampjuni u bċejjeċ sħaħ fil-friża tal-bastiment;

(d) jieħu ritratti tal-attivitajiet tas-sajd, inklużi tal-ħut, tal-irkaptu tas-sajd, tat-tagħmir, tad-dokumenti, tat-tabelli u tar-reġistri, u jinżel minn fuq il-bastiment b'dawn ir-ritratti jew il-filmati li jkun ħa bħala osservatur jew li jkun uża abbord il-bastiment.

19. Waqt li jkunu abbord, l-osservaturi għandhom:

(a) jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex la jinterrompu u lanqas itellfu l-ħidmiet tas-sajd;

(b) iħarsu l-proprjetà u t-tagħmir li jkun hemm abbord;

(c) iħarsu n-natura kunfidenzjali ta' kull dokument tal-bastiment.

Imbark u żbark tal-osservaturi

20. Tal-inqas għaxart ijiem kalendarji qabel l-imbark, sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu għandu jinnotifika lill-Gambja dwar id-data, il-ħin u l-port tal-imbark tal-osservatur. Jekk l-osservatur jittella' abbord f'pajjiż barrani, l-ispejjeż tal-vjaġġ tiegħu lejn il-port tal-imbark għandu jħallashom sid il-bastiment.

21. Jekk l-osservatur ma jitfaċċax għall-imbark fi żmien 12-il siegħa mid-data u l-ħin previsti, sid il-bastiment għandu jinħeles b'mod awtomatiku mill-obbligu tiegħu li jtella' lil dan l-osservatur abbord. Il-bastiment għandu jkun jista' jħalli l-port u jibda l-ħidmiet tas-sajd tiegħu.

22. Meta l-osservatur ma jitniżżilx f'port tal-Gambja, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ tal-osservatur biex imur lura l-Gambja mill-aktar fis possibbli.

23. Jekk il-bastiment ma jasalx fil-ħin miftiehem f'port magħżul minn qabel għall-imbark tal-osservatur, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż (tal-akkomodazzjoni, tal-ikel, eċċ.) tal-osservatur b'rata ta' sussistenza ta' kuljum ta' EUR 80 għal kull ġurnata li l-osservatur jitħalla jistenna fil-port minflok jittella' abbord.

24. Jekk il-bastiment ma jfeġġx, mingħajr ma jkun avża minn qabel lid-DoF u lill-FMCS b'dan, il-Gambja tista' tieħu azzjoni xierqa skont il-leġiżlazzjoni applikabbli ta' dan il-pajjiż.

Kompiti tal-osservatur

25. L-osservatur għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment;

(b) josserva l-ispeċijiet, il-kwantità, id-daqs u l-kundizzjoni tal-ħut maqbud;

(c) josserva l-metodi li bihom jinqabad il-ħut, u ż-żoni u l-fond fejn dan iseħħ;

(d) josserva l-effetti tal-metodi tas-sajd fuq il-ħut u fuq l-ambjent;

(e) josserva l-ipproċessar, it-trasport, it-trażbord, il-ħżin u r-rimi lura l-baħar tal-ħut;

(f) jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment waqt il-ħidmiet tas-sajd;

(g) jieħu kampjuni bijoloġiċi fil-kuntest ta' programm xjentifiku;

(h) jieħu nota tal-irkaptu tas-sajd użat;

(i) jivverifika d-data dwar il-qabdiet li jkunu saru fiż-żona tas-sajd tal-Gambja li tkun ġiet irreġistrata fil-ġurnal ta' abbord;

(j) jivverifika l-perċentwali tal-qabdiet inċidentali u jagħti stima tal-qabdiet skartati;

(k) jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu bir-radju, bil-faks jew bil-posta elettronika tal-inqas darba fil-ġimgħa waqt li l-bastiment ikun qed jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, inkluża l-kwantità tal-qabdiet ewlenin u tal-qabdiet inċidentali abbord.

Rapport tal-osservatur

26. Qabel ma jinżel minn fuq il-bastiment, l-osservatur għandu jgħaddi rapport sommarju bl-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment, li l-kontenut tiegħu jrid jiġi miftiehem fil-Kumitat Konġunt. Il-kaptan tal-bastiment għandu jkollu d-dritt iżid il-kummenti tiegħu fir-rapport tal-osservatur. Ir-rapport għandhom jiffirmawh l-osservatur u l-kaptan. Il-kaptan għandu jirċievi kopja tar-rapport tal-osservatur.

27. L-osservatur għandu jibgħat ir-rapport tiegħu lid-DoF, li għandu jibgħat kopja tiegħu lill-Unjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mill-iżbark tal-osservatur.

28. L-awtoritajiet kompetenti tal-Gambja u tal-Unjoni jistgħu jużaw l-informazzjoni mogħtija fir-rapport tal-osservatur għall-analiżi xjentifika u għall-analiżi tal-konformità.

TAQSIMA 6

KSUR TAR-REGOLI

Trattament tal-ksur

1. Kull ksur li jwettaq bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness irid jissemma f'rapport tal-ispezzjoni jew tal-ksur li tagħmel l-awtorità kompetenti tal-Gambja. In-notifika tal-ksur u tas-sanzjonijiet applikabbli rilevanti mibgħuta lill-kaptan jew lill-kumpanija tas-sajd għandha tintbagħat mill-ewwel lil sid il-bastiment skont il-proċedura stabbilita fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Gambja. Kopja tan-notifika għandha tintbagħat lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment u lill-Unjoni fi żmien 24 siegħa.

2. Il-fatt li l-kaptan jiffirma r-rapport tal-ispezzjoni ma għandux jippreġudika d-dritt tad-difiża ta' sid il-bastiment tul xi proċedura marbuta mal-ksur. Meta tkun qed issir il-proċedura tal-ispezzjoni, il-kaptan tal-bastiment għandu jikkoopera.

Detenzjoni ta' bastiment – Laqgħa ta' informazzjoni

3. Meta l-leġiżlazzjoni tal-Gambja li tkun fis-seħħ dwar il-ksur tkun tippermetti dan, kull bastiment tal-Unjoni li jkun wettaq ksur jista' jiġi mġiegħel iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u, jekk ikun qed ibaħħar, jerġa' lura lejn port tal-Gambja.

4. Il-Gambja għandha tinnotifika lill-Unjoni fi żmien 24 siegħa b'kull detenzjoni ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd. Fin-notifika għandu jkun hemm evidenza ddokumentata li tappoġġa d-detenzjoni tal-bastiment.

5. Qabel tieħu xi miżura kontra l-bastiment, il-kaptan, l-ekwipaġġ jew il-merkanzija, ħlief għal miżuri maħsubin biex iħarsu l-evidenza, fuq talba tal-Unjoni, il-Gambja għandha torganizza laqgħa ta' informazzjoni fi żmien jum tax-xogħol minn meta tiġi nnotifikata d-detenzjoni tal-bastiment, sabiex jiġu ċċarati l-fatti li wasslu għad-detenzjoni tal-bastiment u sabiex jiġi spjegat x'azzjonijiet oħrajn jistgħu jittieħdu. Għal din il-laqgħa ta' informazzjoni jista' jattendi rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment.

Pieni għall-ksur – proċedura ta' kompromess

6. Il-Gambja għandha tistabbilixxi l-piena għall-ksur skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ.

7. Jekk sid il-bastiment ma jaċċettax il-multi, u sakemm il-ksur ma jkunx jinvolvi att kriminali, għandha tinbeda proċedura ta' kompromess bejn l-awtoritajiet tal-Gambja u l-bastiment tal-Unjoni biex il-kwistjoni tissolva b'mod amikevoli qabel ma jinbdew il-proċedimenti legali. F'din il-proċedura ta' kompromess jistgħu jieħdu sehem rappreżentanti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment u tal-Unjoni. Il-proċedura ta' kompromess għandha tintemm mhux aktar tard minn tlett ijiem tal-kalendarju min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment.

Proċedimenti legali – garanzija bankarja

8. Jekk il-proċedura ta' kompromess ma tirnexxix u l-ksur jitressaq quddiem il-qorti kompetenti, sid il-bastiment li jkun wettaq il-ksur għandu jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul mill-Gambja, li l-ammont tagħha, kif stabbilit mill-Gambja, għandu jkun ikopri l-ispejjeż marbutin mad-detenzjoni tal-bastiment, il-multa stmata u kull kumpens ieħor li jista' jkun hemm 'il quddiem. Il-garanzija bankarja ma tistax tiġi rkuprata qabel ma jingħalqu l-proċedimenti legali.

9. Il-garanzija bankarja għandha tiġi rrilaxxata u tingħata lura lil sid il-bastiment minnufih wara li tinqata' s-sentenza:

   (a) kollha kemm hi, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena;

   (b) skont il-bilanċ li jifdal, jekk il-piena tkun multa li tkun inqas mill-garanzija bankarja.

10. Il-Gambja għandha tgħarraf lill-Unjoni bl-eżitu tal-proċedimenti legali fi żmien tmint ijiem tal-kalendarju minn meta tinqata' s-sentenza.

Rilaxx tal-bastiment u tal-ekwipaġġ

11. Il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jħallu l-port ladarba l-piena tkun tħallset fi proċedura ta' kompromess, jew ladarba l-garanzija bankarja tkun ġiet iddepożitata.

KAPITOLU V

REKLUTAĠĠ TAL-BAĦRIN

1. Is-sidien ta' bastimenti tas-sajd għandhom jimpjegaw ċittadini mill-pajjiżi AKP, suġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti li ġejjin:

   — fil-każ tal-flotta tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni, mill-inqas 20 % tal-baħrin irreklutati matul l-istaġun tas-sajd għat-tonn fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandhom ikunu ġejjin minn dak il-pajjiż jew minn pajjiż AKP;

   — fil-każ tal-flotta tal-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief, mill-inqas 20 % tal-baħrin irreklutati matul l-istaġun tas-sajd għat-tonn fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandhom ikunu ġejjin minn dak il-pajjiż jew minn pajjiż AKP;

   — fil-każ tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond, mill-inqas 20 % tal-baħrin irreklutati matul l-istaġun tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandhom ikunu ġejjin mill-Gambja.

2. Is-sidien tal-bastimenti għandhom jagħmlu ħilithom biex jirreklutaw baħrin mill-Gambja li jkunu kkwalifikati. Is-sidien tal-bastimenti għandhom ikunu liberi jagħżlu huma stess lill-baħrin li jtellgħu abbord il-bastimenti tagħhom minn fost dawk imniżżlin fil-lista li d-DoF ikun bagħat lill-Unjoni.

3. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol għandha tapplika għalkollox għall-baħrin irreklutati fuq il-bastimenti tal-Unjoni. Din għandha x'taqsam b'mod partikulari mal-libertà tal-assoċjazzjoni u mar-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv u mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni marbuta mal-impjiegi u max-xogħol.

4. Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin mill-Gambja jew mill-pajjiżi AKP għandhom jitfasslu bejn ir-rappreżentant jew ir-rappreżentanti tas-sidien tal-bastimenti u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom. Il-firmatarji, id-DoF u d-Dipartiment tax-Xogħol għandhom jingħataw kopja ta' dawn il-kuntratti. Lill-baħrin, dawn il-kuntratti għandhom jiggarantulhom il-benefiċċju ta' sistema tas-sigurtà soċjali li tkun tapplika għalihom, fosthom l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, l-assigurazzjoni medika u l-assigurazzjoni f'każ ta' inċident.

5. Il-pagi tal-baħrin mill-pajjiżi AKP għandhom iħallsuhom is-sidien tal-bastimenti. Dawn il-pagi għandhom jiġu stabbiliti, qabel jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, bi ftehim reċiproku bejn is-sidien tal-bastimenti jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom. Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-pagi tal-baħrin ma għandhomx ikunu agħar minn dawk applikati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u lanqas ma għandhom ikunu agħar minn dawk stabbiliti fl-istandards tal-ILO.

6. Kull baħri impjegat abbord bastiment tal-Unjoni għandu jirrapporta lill-kaptan maħtur tal-bastiment lejlet id-data proposta għall-imbark tiegħu. Jekk baħri ma jitfaċċax fid-data u l-ħin previsti għall-imbark, is-sidien tal-bastiment għandhom jinħelsu b'mod awtomatiku mill-obbligu tagħhom li jtellgħu lil dak il-baħri abbord.

7. Meta baħri mill-Gambja ma jitniżżilx f'port tal-Gambja, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ tal-baħri biex imur lura l-Gambja mill-aktar fis possibbli.

8. Jekk il-bastiment ma jasalx fil-ħin miftiehem f'port magħżul minn qabel għall-imbark tal-baħri mill-Gambja, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż (tal-akkomodazzjoni, tal-ikel, eċċ.) tal-baħri b'rata ta' sussistenza ta' kuljum ta' EUR 80 għal kull ġurnata li l-baħri mill-Gambja jitħalla jistenna fil-port minflok jittella' abbord.

9. Kull sena, is-sidien tal-bastimenti għandhom jibagħtu informazzjoni dwar il-baħrin irreklutati. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-għadd ta' baħrin li huma ċittadini:

(a) tal-Unjoni;

(b) ta' pajjiż AKP, b'distinzjoni bejn iċ-ċittadini tal-Gambja u ċ-ċittadini ta' pajjiżi AKP oħrajn; u

(c) ta' pajjiżi li mhumiex pajjiżi AKP u li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni.

Appendiċijiet ta' dan l-Anness

Appendiċi 1 – Formola tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd u għall-bastimenti tal-għajnuna

Appendiċi 2a – Skeda teknika għall-ispeċijiet li jpassu ħafna

Appendiċi 2b – Skeda teknika għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond

Appendiċi 3 – L-ispeċijiet li jpassu ħafna: il-ġurnal ta' abbord tas-sajd – mudell tal-UE (l-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 404/2011)

Appendiċi 4 – Komunikazzjoni tal-messaġġi tal-VMS lill-Gambja – rapport dwar il-pożizzjoni

Appendiċi 5 – Implimentazzjoni tas-sistema elettronika għad-dikjarazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd (l-ERS); arranġamenti alternattivi

Appendiċi 6 – Dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tal-Gambja

Appendiċi 1

FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD U GĦALL-BASTIMENTI TAL-GĦAJNUNA

I - L-APPLIKANT

1. Isem sid il-bastiment: ....

2. Indirizz ta' sid il-bastiment: ....

3. Isem l-assoċjazzjoni jew l-aġent ta' sid il-bastiment (jekk ikun il-każ): ....

   ....

4. Indirizz tal-assoċjazzjoni jew tal-aġent ta' sid il-bastiment (jekk ikun il-każ): ....

   ....

5. Numru tat-telefon: .... Numru tal-faks: .... Indirizz tal-posta elettronika: ....

6. Isem il-kaptan: .... Ċittadinanza: ....

   Indirizz tal-posta elettronika: ....

7. Isem l-aġent residenti fil-Gambja u l-indirizz tiegħu ....

   ....

II – IL-BASTIMENT U L-IDENTIFIKAZZJONI TIEGĦU

1. Isem il-bastiment: ....

2. Stat tal-bandiera: ....

3. Numru estern tar-reġistrazzjoni: ....

4. Port tar-reġistrazzjoni: .... MMSI: .... Numru tal-OMI: ....

5. Data meta nkisbet il-bandiera attwali: …/…/…

   Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm): ....

6. Sena u post tal-kostruzzjoni: …/…/… fi ....

   Sinjal tas-sejħa bir-radju: ....

7. Frekwenza tas-sejħa: .... Numru tat-telefon bis-satellita: ....

8. Materjal tal-buq: ☐ Azzar ☐ Injam ☐ Poliester ☐ Materjal ieħor

III – KARATTERISTIĊI TEKNIĊI U TAGĦMIR

1. Tul totali: .... Wisa': ....

2. Tunnellaġġ gross (mogħti f'TG): .... Tunnellaġġ nett: ....

3. Saħħa tal-magna ewlenija f'kW: .... Għamla: .... Tip: ....

4. Tip ta' bastiment: ☐ Bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni ☐ Bastiment tas-sajd bil-konz ☐ Bastiment tas-sajd bil-qasab u x-xlief ☐ Bastiment tal-għajnuna

5. Tipi ta' rkaptu tas-sajd: ....

6. Żoni tas-sajd: .... Speċijiet fil-mira: ....

7. Port magħżul għall-ħatt l-art: ....

8. Għadd totali ta' membri tal-ekwipaġġ abbord: ....

9. Metodu ta' konservazzjoni abbord: ☐ It-tkessiħ ☐ Ir-refriġerazzjoni ☐ Metodu mħallat ☐ L-iffriżar

10. Kapaċità tal-friża f'tunnellati għal kull 24 siegħa: .... Kapaċità tal-istivi: .... Għadd: ....

11. Transponder tal-VMS:

Manifattur: .... Mudell: .... Numru tas-serje: ....

Verżjoni tas-softwer: .... Operatur tas-satellita: ....

12. Apparat tan-navigazzjoni u tal-iffissar tal-pożizzjoni: ....

IV – INFORMAZZJONI OĦRA

Jiena, il-firmatarju t'hawn taħt, niċċertifika li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija vera u ġenwina.

Magħmul fi ...., .../.../...

Isem l-applikant ....

Appendiċi 2a

Skeda teknika għal speċijiet li jpassu ħafna

Żona tas-sajd:	
Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, minbarra ż-żoni li fihom ma jistax isir sajd u tbaħħir.	
Kategoriji awtorizzati:	
Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża Bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief	
Qabdiet inċidentali:	
Konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u tal-FAO.	
Tariffi u tunnellaġġ:	
It-tariffa annwali bil-quddiem (inklużi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha minbarra t-taxxi tal-portijiet u l-ispejjeż għall-provvista tas-servizzi) u t-tunnellaġġ kopert:	— Għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni: EUR 4 200 fis-sena għall-perjodu kollu tal-Protokoll, li jikkorrispondu għal 60 tunnellata — Għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief: EUR 1 400 fis-sena għall-perjodu kollu tal-Protokoll, li jikkorrispondu għal 20 tunnellata
It-tariffa għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda:	Għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief: — EUR 70 għal kull tunnellata u għal kull sena
L-għadd ta' bastimenti li huma awtorizzati jistadu:	28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni 10 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief
Informazzjoni oħra:	
It-tariffa għall-awtorizzazzjoni tal-bastimenti tal-għajnuna: EUR 2 000 għal kull bastiment kull sena. Il-kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa marbuta mal-osservaturi: EUR 300 għal kull bastiment kull sena.	

Appendiċi 2b

Skeda teknika għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond

Żona tas-sajd:

Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, minbarra ż-żoni li fihom ma jistax isir sajd u tbaħħir.

Speċijiet fil-mira:

Il-merluzz tal-baħar fond (*Merluccius senegalensis* u *Merluccius polli*)

Kategoriji awtorizzati:

Ix-xbieki tat-tkarkir konvenzjonali tal-qiegħ jew għall-merluzz, b'daqs minimu tal-malja ta' 70 mm. Huwa pprojbit l-użu ta' kull mezz jew tagħmir li jimblokka l-malji tax-xbieki jew li jnaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, man-naħa ta' taħt tal-manka ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ biss jistgħu jitwaħħlu sottovesti ta' protezzjoni magħmulin mix-xbiek jew minn xi drapp ieħor. It-tali sottovesti jridu jitwaħħlu biss mat-truf ta' quddiem u tal-ġnub tal-manka tax-xibka tat-tkarkir. Għan-naħa ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir, jista' jintuża tagħmir ta' protezzjoni, iżda dan irid ikun magħmul minn biċċa waħda tax-xibka li tkun magħmula mill-istess materjal tal-manka u li l-malji tagħha jkunu ta' mill-inqas 300 millimetru meta d-drapp ikun stirat. Huwa pprojbit li wieħed jirdoppja r-raden, sempliċi jew immaljat, tal-manka.

Qabdiet inċidentali ([1]):

15 % ċefalopodi, 7 % krustaċji u 25 % ħut tal-qiegħ ieħor tal-baħar fond.

Il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali awtorizzati mogħtija hawn fuq għandhom jiġu kkalkulati fi tmiem kull vjaġġ tas-sajd, b'rabta mal-piż totali tal-qabda, skont ir-regolamenti tal-Gambja.

Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħażna u l-bejgħ tal-elażmobranki kollha jew ta' wħud minnhom li huma protetti mill-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-klieb il-baħar u mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u mill-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd kompetenti, jiġifieri tal-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*), tal-kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*), tal-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*), tal-gabdoll (*Cetorhinus maximus*), tal-pixxiplamtu (*Lamna nasus*), tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), tal-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*), tal-manta ġganta (*Manta birostris*) u tal-ispeċijiet tal-kurazzi (*Sphyrnidae*).

Meta bi żball jinqabdu speċijiet tal-elażmobranki li ma jistgħux jinżammu abbord, ma għandhiex issirilhom ħsara. Il-ħut minn dawn l-ispeċijiet li jinqabad għandu jintefa' lura l-baħar minnufih.

Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħażna u l-bejgħ tal-ispeċijiet pelaġiċi, fosthom tat-*Trachurus* spp., tas-*Sardina pilchardus*, tal-*iScomber* spp. u tas-*Sardinella* spp..

Tariffi u tunnellaġġ:

L-ammont tal-qabdiet awtorizzat:	750 tunnellata fis-sena
It-tariffa:	EUR 75 għal kull tunnellata

It-tariffa għandha tiġi kkalkulata fi tmiem kull perjodu ta' tliet xhur li matulu l-bastiment ikun awtorizzat jistad, filwaqt li jitqiesu l-qabdiet li jkunu saru matul dak il-perjodu.

Il-liċenzja għandha tingħata wara li jsir ħlas bil-quddiem ta' EUR 500 għal kull bastiment, li għandu jitnaqqas mill-ammont totali tat-tariffa. Il-ħlas bil-quddiem għandu jsir fil-bidu ta' kull perjodu ta' tliet xhur li matulu l-bastiment ikun awtorizzat jistad.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa marbuta mal-osservaturi: EUR 75 għal kull bastiment meta titħallas it-tariffa b'rata fissa ta' kull tliet xhur.

Informazzjoni oħra:

Għadd ta' bastimenti:	Tliet bastimenti

([1]) Din id-dispożizzjoni għandha tiġi riveduta wara sena ta' applikazzjoni.

Tip ta' bastimenti li huma awtorizzati jistadu:	Il-bastimenti tat-tkarkir li jbaħħru fl-oċeani u li jintużaw għas-sajd għall-ħut (għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond)
Reklutaġġ tal-baħrin mill-Gambja:	20 % tal-ekwipaġġ
Perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi:	Mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju (2)
Għall-bastimenti tat-tkarkir tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond huwa obbligatorju li jkollhom osservatur abbord.	

(2) Bħall-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni l-oħrajn, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi għandu jiġi rivedut wara li l-Protokoll ikun ilu sena li daħal fis-seħħ u jista' jiġi adattat sabiex jitqiesu l-istokkijiet tal-ħut, jekk il-Grupp ta' ħidma xjentifika konġunt jirrakkomanda dan.

Appendiċi 3

Speċijiet li jpassu ħafna: il-ġurnal ta' abbord tas-sajd – mudell tal-UE

(l-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 ([1]) ([2]))



Numru ....

ĠURNAL TA' ABBORD TAL-UNJONI EWROPEA

Isem il-bastiment jew il-bastimenti (1) Identifikazzjoni esterna (2)

Sinjal jew sinjali internazzjonali tas-sejħa bir-radju (1)

Isem il-kaptan jew il-kaptani (3)

Indirizz jew indirizzi

Jum Xahar Siegħa Sena, 20--,

Tluq (4) I------I I--------I I--------I minn I----------I

Ritorn (5) I------I I--------I I--------I lejn I----------I

Ħatt l-art (6) I------I I--------I I--------I fi I----------I

Irkaptu (8) Daqs tal-malja (9) Qisien (10)

F'każ ta' trażbord (7) Jum I-----I Xahar I---------I I-----I

Isem u s-sinjal tas-sejħa bir-radju (jekk ikun hemm)

Identifikazzjoni esterna

Nazzjonalità tal-bastiment tas-sajd li jkun qed jirċievi l-ħut

Data (11) | Għadd ta' ħidmiet tas-sajd (12) | Tul tal-ħin tas-sajd (13) | Il-pożizzjoni (14): Ir-rettangolu statistiku; Iż-żona tal-ICES, tan-NAFO, tas-CECAF jew tal-GFCM; Żona tas-sajd ta' Stati li mhumiex Stati Membri

Il-qabdiet skont l-ispeċi miżmuma abbord f'kilogrammi ta' piż ħaj jew fl-għadd ta' unitajiet (15)²

Agħti l-piż tal-unità f'piż ħaj tal-ispeċijiet ikkonċernati

Inizjali

Iż-żona tal-ICES, tan-NAFO, tas-CECAF jew tal-GFCM (22)

Żona tas-sajd ta' Stati li mhumiex Stati Membri (22)

Stima totali tal-qbid skartat (16)

Dikjarazzjoni tal-ħatt l-art jew tat-trażbord(*) (18) f'kilogrammi jew fl-unità użata: ekwivalenti għal .... kilogrammi

Preżentazzjoni tal-ħut (17)
Kwantitajiet (19)
Preżentazzjoni tal-ħut (17)
Kwantitajiet (19)
Preżentazzjoni tal-ħut (17)
Kwantitajiet (19)
Preżentazzjoni tal-ħut (17)
Kwantitajiet (19)

Firma

Kaptan/Aġent II (20)

Isem l-aġent u l-indirizz tiegħu (meta jkun japplika) (21)

Isem l-aġent u l-indirizz tiegħu (meta jkun japplika) (21)

(*) Ħassar dak li ma japplikax. Kummenti:_

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar- regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1)

([2]) L-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 jagħti struzzjonijiet lill-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni dwar kif jimlew il-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

Appendiċi 4

Komunikazzjoni tal-messaġġi tal-VMS lill-Gambja

Rapport dwar il-pożizzjoni

Element tad-data	Kodiċi	Obbligatorju jew fakultattiv	Kummenti
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall dwar is-sistema li jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Destinatarju	AD	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166)
Speditur	FR	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż speditur (ISO-3166)
Stat tal-bandiera	FS	O	Detall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-Istat tal-bandiera (ISO-3166)
Tip ta' messaġġ	TM	O	Dettall dwar il-messaġġ – It-tip ta' messaġġ (ENT, POS, EXI)
Sinjal tas-sejħa bir-radju (l-IRCS)	RC	O	Dettall dwar il-bastiment – Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (l-IRCS)
Numru ta' referenza intern tal-Parti Kontraenti	IR	F	Dettall dwar il-bastiment – In-numru uniku tal-Parti Kontraenti, mogħti bħala l-kodiċi alfa-3 (ISO-3166) segwit min-numru
Numru estern tar-reġistrazzjoni	XR	O	Dettall dwar il-bastiment – In-numru mmarkat fuq ġenb il-bastiment (ISO 8859.1)
Latitudni	LT	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali N/S GG.ggg (WGS84)
Lonġitudni	LG	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali E/W GG.ggg (WGS84)
Rotta	CO	O	Ir-rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360 grad
Veloċità	SP	O	Il-veloċità tal-bastiment f'wieħed minn kull għaxar mili nawtiċi
Data	DA	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Id-data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il-ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSMM)
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall dwar is-sistema li jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

O = element tad-data obbligatorju

F = element tad-data fakultattiv

Kull trażmissjoni ta' data tkun strutturata hekk:

1) Il-karattri użati jridu jikkonformaw mal-istandard tal-ISO 8859.1.
2) Linja mmejla doppja (//) u l-kodiċi "SR" ifissru l-bidu tal-messaġġ.
3) Kull element tad-data jingħaraf mill-kodiċi tiegħu u jingħażel mill-elementi l-oħrajn tad-data b'linja mmejla doppja (//).
4) Linja mmejla waħda (/) tissepara l-kodiċi minn mad-data.
5) Il-kodiċi "ER" segwit minn linja mmejla doppja (//) ifisser tmiem il-messaġġ.
6) L-elementi tad-data fakultattivi jridu jiddaħħlu bejn il-bidu u t-tmiem tal-messaġġ.

Appendiċi 5

Implimentazzjoni tas-sistema elettronika għad-dikjarazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd (l-ERS); arranġamenti alternattivi

1. Meta jkun fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, kull bastiment tal-Unjoni li jkollu liċenzja maħruġa skont dan il-Protokoll għandu jkun mgħammar b'sistema li tkun kapaċi tirreġistra u tibgħat data elettronika dwar l-attivitajiet tas-sajd. Minn hawn 'il quddiem din is-sistema qed tissejjaħ "l-ERS" u d-data trażmessa għandha tissejjaħ "id-data tal-ERS".

2. Bastiment tal-Unjoni li ma jkunx mgħammar b'ERS, jew li l-ERS tiegħu ma tkunx qed taħdem, ma għandux ikun awtorizzat jidħol fiż-żona tas-sajd tal-Gambja biex iwettaq attivitajiet tas-sajd fiha.

3. Il-bastiment għandu jibgħat id-data tal-ERS lill-Istat tal-bandiera tiegħu, li għandu jirċeviha u jirreġistraha f'bażi tad-data kompjuterizzata li tippermetti li din tinżamm b'mod sigur għal mill-inqas 36 xahar.

4. Il-Gambja għandha tindika d-data minn meta l-FMCS tagħha tkun mgħammra b'sistema li tkun kapaċi tirċievi d-data tal-ERS mingħand il-bastimenti tal-Unjoni, fil-format deskritt fir-reġistru tad-data li żżomm il-Kummissjoni Ewropea u fl-arranġamenti ta' implimentazzjoni. Il-Gambja għandha tindika d-data minn meta s-sistema tkun kapaċi tirċievi d-data tal-ERS mingħand l-Istati tal-bandiera, jekk ikun hemm bżonn wara li jsiru l-fażijiet xierqa tal-ittestjar.

5. Minn dik id-data, l-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li l-Gambja jkollha aċċess għad-data tal-ERS marbuta mal-attivitajiet fiż-żona tas-sajd mingħajr dewmien għal mill-inqas 36 xahar mid-data ta' dawk l-attivitajiet.

6. Id-data għandha tkun disponibbli u tiġi trażmessa b'mod elettroniku. Għal dak il-għan, l-Istat tal-bandiera u l-Gambja għandhom jiżguraw li huma jkollhom il-ħardwer u s-softwer meħtieġa għat-trażmissjoni awtomatika tad-data tal-ERS fil-format spjegat fid-dettall fil-paragrafu 9.

7. Kull bidla f'dan il-format għandha tiġi indikata b'mod ċar fir-reġistru tad-data ta' referenza, li għandu jindika wkoll id-data meta tkun daħlet fis-seħħ il-bidla. Din għandha tidħol fis-seħħ mhux qabel sitt xhur minn meta tkun saret in-notifika tal-bidla fir-reġistru tad-data ta' referenza. F'każ ta' bidla, il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Gambja. Il-Gambja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-data ppjanata għall-aġġornament tas-sistema tagħha biex tirċievi d-data u għandha tistabbilixxi l-perjodu ta' prova għal din is-sistema. Fi tmiem dan il-perjodu ta' prova, il-Gambja u l-Unjoni għandhom jistabbilixxu d-data tal-implimentazzjoni effettiva tal-format il-ġdid fil-Kumitat Konġunt jew bi skambju ta' ittri. Fi żmien xahar minn din il-konferma, il-bastimenti kollha se jkunu obbligati jikkonformaw mal-format il-ġdid għat-trażmissjoni tal-ERS.

8. Il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-ġurnali stampati jkunu jistgħu jintbagħtu kemm b'mod awtomatiku u kemm b'mod manwali. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li l-FMCS tal-Gambja tirċievi d-data b'mod jew ieħor għal kull wieħed mill-bastimenti tiegħu.

9. Id-data tal-ERS se tkun fil-format UN/CEFACT u għandha tiġi trażmessa permezz tan-netwerk tat-trasport FLUX TL li l-Kummissjoni Ewropea tqiegħed għad-dispożizzjoni.

10. Fil-każ tat-trażmissjoni manwali, id-data tal-ġurnali ta' abbord għandha tintbagħat f'format elettroniku li jkun kompatibbli mas-softwer li juża ċ-ĊMS tal-pajjiż sieħeb, jew f'format stampat, u għandha tkun tindika b'mod ċar l-affarijiet li ġejjin:

    - id-data meta nqabad il-ħut, il-ħin li fih ikun inqabad u l-post minn fejn dan ikun inqabad;
    - informazzjoni li tidentifika lill-kaptan u lill-bastiment (isem il-bastiment, il-bandiera tiegħu, is-sinjal tas-sejħa bir-radju tiegħu, l-identifikazzjoni esterna tiegħu, in-numru CFR tiegħu u n-numru tal-OMI tiegħu) u informazzjoni li tidentifika l-vjaġġ tas-sajd (id-dati tat-tluq u tal-wasla);
    - informazzjoni dwar l-attività tas-sajd: it-tip ta' rkaptu, l-għadd ta' ħidmiet tas-sajd, il-pożizzjoni fiż-żona u l-identifikazzjoni taż-żona tas-sajd tal-pajjiż sieħeb (permezz tal-kodiċi alfa-3 tal-ISO tagħha); il-qabdiet li jkunu nżammu abbord jew li jkunu ġew skartati, imqassmin skont l-ispeċi, f'kilogrammi ta' ekwivalenti ta' piż ħaj (għal kull kodiċi alfa-3 tal-FAO);
    - ċertifikazzjoni li d-data tal-kaptan, id-data u l-firma tiegħu, elettronika, jekk ikun il-każ, huma preċiżi u kompluti.

11. Il-pajjiż sieħeb għandu jittratta d-data kollha dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti individwali b'mod kunfidenzjali u sigur.

Komunikazzjonijiet bejn ĊMS u ieħor – ħsara fl-ERS abbord il-bastiment jew fis-sistema ta' komunikazzjoni

12. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera u l-FMCS tal-Gambja għandhom jgħarrfu lil xulxin mingħajr dewmien b'kull avveniment li x'aktarx jaffettwa t-trażmissjoni tad-data tal-ERS ta' bastiment wieħed jew iktar.

13. L-Istat tal-bandiera u l-Gambja għandhom jagħżlu korrispondent tal-ERS kull wieħed li għandu jservi bħala l-punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni ta' dan l-Appendiċi, u għandhom jgħaddu lil xulxin id-dettalji rispettivi ta' kuntatt ta' dawn il-korrispondenti. L-Istat tal-bandiera u l-Gambja għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni b'mod regolari u mingħajr dewmien.

14. Jekk l-FMCS tal-Gambja ma tirċevix id-data li bastiment suppost jibgħat, għandha tgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera mill-ewwel b'dan. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, jew il-korrispondent tal-ERS tiegħu, għandu jipprova jara malajr kemm jista' jkun għalfejn l-FMCS ma rċevietx id-data tal-ERS u għandu jgħarraf lill-Gambja bir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet.

15. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera ma jkunux irċevew id-data li jkollha tintbagħat skont il-punt 4, huma għandhom jgħarrfu lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment jew lir-rappreżentant jew lir-rappreżentanti tagħhom mingħajr dewmien b'dan. Malli jirċievi din in-notifika, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat id-data li tkun nieqsa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera b'kull mezz xieraq ta' telekomunikazzjoni malajr kemm jista' jkun. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jdaħħal din id-data fil-bażi tad-data elettronika li huwa jżomm skont il-punt 3 u għandu jqegħedha għad-dispożizzjoni tal-Gambja mill-ewwel skont il-punt 5.

16. F'każ ta' ħsara fl-ERS installata abbord il-bastiment, il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment għandhom jiżguraw li l-ħsara tissewwa jew li l-ERS tinbidel fi żmien għaxart ijiem minn meta jindunaw bil-ħsara. Wara dak il-perjodu, il-bastiment ma jibqax awtorizzat jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u jkollu joħroġ minn dik iż-żona jew jidħol f'port ta' pajjiż sieħeb fi żmien 24 siegħa. Il-bastiment għandu jkun awtorizzat jitlaq minn dak il-port jew jerġa' jidħol fiż-żona tas-sajd tal-Gambja biss wara li ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tiegħu jkun stabbilixxa li l-ERS qed terġa' taħdem kif suppost. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jgħaddi lill-FMCS tal-Gambja d-data kollha li din ma tkunx irċeviet.

17. Sa ma l-ERS tal-bastiment terġa' tibda taħdem sewwa u minn meta jkun ġie nnutat li din għandha l-ħsara, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat l-informazzjoni li għandha tintbagħat skont il-punt 8 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera b'kull mezz xieraq ieħor ta' telekomunikazzjoni kuljum sa mhux iktar tard minn nofs il-lejl. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jdaħħal din id-data fil-bażi tad-data elettronika li huwa jżomm skont il-punt 3 bil-għan li jqegħedha għad-dispożizzjoni tal-Gambja mill-ewwel.

18. Jekk il-Gambja ma tkunx irċeviet id-data tal-ERS minħabba ħsara fis-sistemi elettroniċi li jkunu taħt il-kontroll tal-UE jew tal-Gambja, il-Parti kkonċernata għandha tieħu mill-ewwel il-miżuri kollha meħtieġa biex issolvi l-ħsara mill-aktar fis possibbli. Il-Parti l-oħra għandha tiġi mgħarrfa mill-ewwel malli tissolva l-problema. Kull data li tkun nieqsa għandha tintbagħat lill-FMCS tal-Gambja malli tissolva l-problema.

19. F'każ li l-ħsara tkun fis-sistemi li jkunu taħt il-kontroll tal-UE u dejjem jekk din ma twassalx biex l-Istat tal-bandiera ma jkunx jista' jaċċessa d-data, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat, kull 24 siegħa, id-data kollha tal-ERS li huwa jkun irċieva mill-aħħar trażmissjoni lill-FMCS tal-Gambja b'kull mezz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli. Il-Gambja tista' titlob li tintuża l-istess proċedura f'każ ta' ħidma ta' manutenzjoni ta' iktar minn 24 siegħa li taffettwa s-sistemi li jkunu taħt il-kontroll tal-UE. Il-Gambja għandha tavża lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tagħha sabiex il-bastimenti tal-UE ma jitqisux li qed jonqsu milli jħarsu l-obbligu tagħhom li jibagħtu d-data tal-ERS tagħhom.

20. Fid-data li l-Partijiet jaqblu dwarha bejniethom, il-messaġġi tal-ERS dwar il-qabdiet mad-dħul u l-qabdiet mal-ħruġ għandhom jieħdu post in-notifiki tad-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u tal-ħruġ minnha u t-trażmissjonijiet fuq il-karta tal-ġurnali ta' abbord tas-sajd previsti fl-Appendiċi 3 tal-Anness ta' dan il-Protokoll.

Appendiċi 6

Dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tal-Gambja

1. Il-Ministeru għas-sajd, għar-riżorsi tal-ilma u għall-kwistjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali tal-Gambja (Ministry of Fisheries, Water Resources and National Assembly Matters of The Gambia):

   Indirizz: 7 Marina Parade, Banjul, The Gambia

   Indirizz tal-posta elettronika: bamba.banja@yahoo.co.uk

   Numri tat-telefon: +2209922960/7722907/+2204227773

2. L-awtorità għall-awtorizzazzjoni tas-sajd (Fishing authorisation authority): Id-Dipartiment tas-Sajd (Department of Fisheries)

   Indirizz: 6 Marina Parade, Banjul, The Gambia

   Indirizz tal-posta elettronika: darboefams@yahoo.com

   Numri tat-telefon: +2206313375/+2204201515

3. L-Unità għall-Kontroll, Monitoraġġ u Sorveljanza tas-Sajd (Fishing Control, Monitoring and Surveillance Unit):

   Indirizz: 6 Marina Parade, Banjul, The Gambia

   Indirizz tal-posta elettronika: darboefams@yahoo.com

   Numri tat-telefon: +2206313375/+2204201515

   In-notifika tad-dħul u tal-ħruġ:

   Indirizz tal-posta elettronika: bamba.banja@yahoo.co.uk/darboefams@yahoo.com

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/1333

tal-25 ta' Ġunju 2019

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1332 ([1]), il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ("il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ("il-Protokoll") ġew iffirmati fil-31 ta' Lulju 2019.

(2) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja dwar sajd 'il barra mill-Gambja ([2]), li kien daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987.

(3) Il-Protokoll ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni tiegħu.

(4) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

(5) Il-Protokoll se jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja għandhom ikunu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja	16-il bastiment
Franza	12-il bastiment

(b) bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

Spanja	8 bastimenti
Franza	2 bastimenti

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1332 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 146, 6.6.1987, p. 3.

(c) bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għal ħut tal-qiegħ tal-baħar fond:

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għal ħut tal-qiegħ tal-baħar fond li jkunu qed jaħdmu fi kwalunkwe mument	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kull tliet xhur fis-sena [1]	Tunnellati ta' speċijiet fil-mira kif definiti fl-Appendiċi 2b tal-Anness tal-Protokoll
Spanja	3	10	625
Il-Greċja		2 (f'żewġ perjodi ta' tliet xhur differenti)	125

[1] L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jikkoordinaw l-użu tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kull tliet xhur.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-31 ta' Lulju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2019

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANTON

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1334

tas-7 ta' Awwissu 2019

dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fis-Slovakkja

(notifikata bid-dokument C(2019) 5989)

(It-test bis-Slovakk biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa marda virali infettiva li taffettwa l-popolazzjonijiet tal-ħnieżer domestiċi u selvaġġi u jista' jkollu impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-ħnieżer u jisfratta l-kummerċ fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) F'każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, hemm ir-riskju li l-aġent tal-marda jista' jinxtered ma' rziezet oħrajn tal-ħnieżer u mal-ħnieżer selvaġġi. B'hekk, jista' jinxtered minn Stat Membru għall-ieħor u għall-pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ tal-ħnieżer ħajjin jew tal-prodotti tagħhom.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE ([3]) tistabbilixxi l-miżuri minimi li għandhom jiġu applikati fl-Unjoni għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/60/KE jipprevedi l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-każ ta' tifqigħat ta' dik il-marda, fejn iridu japplikaw il-miżuri stipulati fl-Artikoli 10 u 11 ta' dik id-Direttiva.

(4) Wara li faqqa' d-deni Afrikan tal-ħnieżer fid-distrett ta' Trebišov fis-Slovakkja, dak l-Istat Membru għarraf lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni fit-territorju tiegħu fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u, b'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/60/KE, stabbilixxa żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fejn japplikaw il-miżuri msemmijin fl-Artikoli 10 u 11 ta' dik id-Direttiva.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1273 ([4]) ġiet adottata wara li ġew stabbiliti ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fis-Slovakkja skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/60/KE.

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1273, is-sitwazzjoni epidemjoloġika fis-Slovakkja kompliet tiżviluppa f'dak li għandu x'jaqsam mad-deni Afrikan tal-ħnieżer u kien hemm tifqigħa ġdida fid-distrett ta' Trebišov u, għaldaqstant, is-Slovakkja implimentat il-miżuri ta' kontroll meħtieġa u ġabret *data* ta' sorveljanza addizzjonali.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda d-Direttiva 92/119/KE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż (ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27).
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1273 tas-26 ta' Lulju 2019 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi interim marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fis-Slovakkja (ĠU L 201, 30.7.2019, p. 6).

(7) Sabiex jiġi evitat kull xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex jiġu evitati ostakli mhux iġġustifikati għall-kummerċ imposti minn pajjiżi terzi, jeħtieġ jiġu deskritti fil-livell tal-Unjoni ż-żoni riveduti stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għad-deni Afrikan tal-ħnieżer fis-Slovakkja, f'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru. Dawn iż-żoni riveduti ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jqisu x-xenarju epidemjoloġiku attwali f'dak l-Istat Membru.

(8) Għaldaqstant, iż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fis-Slovakkja jenħtieġ li jiġu stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li jiġi stabbilit it-tul ta' żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(9) Barra minn hekk, jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1273 u li din tiġi ssostitwita b'din id-Deċiżjoni sabiex jitqiesu l-miżuri aġġornati ta' ġestjoni tal-marda li huma fis-seħħ u l-evoluzzjoni fis-sitwazzjoni tal-marda fis-Slovakkja f'dak li għandu x'jaqsam mad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Slovakkja għandha tiżgura li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/60/KE jkunu jinkludu tal-inqas iż-żoni mniżżlin bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1273 titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-18 ta' Novembru 2019.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2019.

Għall-Kummissjoni

Vytenis ANDRIUKAITIS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Ir-Repubblika Slovakka	Żoni msemmijin fl-Artikolu 1	Data sa meta huma applikabbli
Żona ta' protezzjoni	Il-muniċipalitajiet ta' Strážne, Veľký Kamenec, Malý Kamenec, Somotor, Veľký Horeš u Streda nad Bodrogom.	It-18 ta' Novembru 2019
Żona ta' sorveljanza	Il-muniċipalitajiet ta' Viničky, Klín nad Bodrogom, Ladmovce, Zemplín, Svätá Mária, Rad, Svinice, Svätuše, Malý Horeš, Pribeník, Borša, Bara, Dobrá, Kráľovský Chlmec, Vojka, Cejkov, Malá Tŕňa, Slovenské Nové Mesto, Čerhov, Kašov, Veľká Tŕňa, Luhyňa, Veľaty, Michaľany, Hrčeľ, Kysta, Novosad, Zemplínske Jastrabie, Brehov, Zatín, Boľ, Soľnička, Poľany, Leles, Bačka, Biel, Veľké Trakany, Malé Trakany, Čierna nad Tisou, Čierna, Boťany, Ptrukša, Byšta, Brezina, Kazimír, Lastovce, Stanča, Zemplínska Nová Ves, Zemplínsky Branč, Kožuchov, Zemplínske Hradište, Hraň, Sirník, Malčice, Petrikovce, Veľké Raškovce, Ižkovce, Beša, Čičarovce, Veľké Kapušany, Maťovské Vojkovce, Budince, Kapušianske Kľačany, Ruská u Veľké Slemence.	It-18 ta' Novembru 2019

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2019/1335 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Ġunju 2019

li temenda l-Linja gwida (UE) 2018/876 dwar ir-Reġistru ta' Dejta dwar Istituzzjonijiet u Affiljati (BĊE/2019/17)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iżomm ir-Reġistru ta' Dejta dwar Istituzzjonijiet u Affiljati (RIAD), li huwa sett ta' dejta kondiviż għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) ta' dejta ta' referenza dwar unitajiet istituzzjonali legali u statistiċi oħrajn.

(2) Ir-RIAD għandu jkollu dejta neċessarja għal xi tibdiliet fil-parametri referenzjarji fis-swieq monetarji biex jingħata appoġġ aħjar lil proċessi tan-negozju madwar l-Eurosistema u t-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ. F'dan il-kuntest ir-RIAD għandu jkollu dejta aġġornata u relevanti għad-determinazzjoni tar-rata tal-euro fuq terminu qasir skont l-Artikolu 8(5) tal-Linja gwida (UE) 2019/1265 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/19) ([1]). Għalhekk, jenħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 22 tal-Linja gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/16) ([2]) biex jipprovdi għal dan.

(3) Il-ġbir u r-rapportar ta' informazzjoni statistika dwar fondi tal-pensjoni (PFs) skont ir-Regolament (UE) 2018/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/2) ([3]) huma meħtieġa biex jappoġġjaw lill-BĊE fit-twettiq ta' analiżi monetarja u finanzjarja, u għall-kontribut tas-SEBĊ għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Għaldaqstant, il-PFs għandhom jiġu rreġistrati fir-RIAD. Peress li d-dejta tar-RIAD tintuża għat-tħejjija ta' listi uffiċjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji, għandha tiġi ppubblikata lista ġdida ta' PFs. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġi aġġornat il-Kapitolu VI tal-Linja gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) b'rabta mad-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-reġistrazzjoni ta' dejta ta' referenza għall-pubblikazzjoni tal-lista ta' PFs.

(4) Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' kontropartijiet fifil-bażi ta' dejta komuni ta' mikrodejta analitika dwar il-kreditu (iktar 'il quddiem "AnaCredit") mill-aġenti li jirrapportaw skont ir-Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/13) ([4]) u l-Linja gwida (UE) 2017/2335 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/38) ([5]), valur ta' attribut addizzjonali għall-istatus ta' kunfidenzjalità ta' dejta rreġistrata f'RIAD għandu jiġi inkluż fil-mudell ta' skambju ta' dejta ta' RIAD. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 10 tal-Linja gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) biex jipprovdi għal dan.

(5) L-emendi għall-Anness I u II huma meħtieġa biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-rata tal-euro fuq terminu qasir u l-PFs.

(6) Għalhekk, il-Linja gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

([1]) Linja gwida (UE) 2019/1265 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Lulju 2019 dwar ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) (BĊE/2019/19) (ĠU L 199, 26.7.2019, p. 8).

([2]) Linja gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2018 dwar ir-Reġistru ta' Dejta tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (BĊE/2018/16) (ĠU L 154, 18.6.2018, p. 3).

([3]) Regolament (UE) 2018/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Jannar 2018 dwar rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal fondi tal-pensjoni (BĊE/2018/2) (ĠU L 45, 17.2.2018, p. 3).

([4]) Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2016 dwar il-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2016/13) (ĠU L 144, 1.6.2016, p. 44).

([5]) Linja Gwida (UE) 2017/2335 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Novembru 2017 dwar il-proċeduri għall-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2017/38) (ĠU L 333, 15.12.2017, p. 66).

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. RIAD għandu jkun is-sett ta' dejta kondiviż tas-SEBĊ ta' dejta ta' referenza dwar entitajiet individwali u r-relazzjonijiet bejniethom. RIAD għandu jiffaċilita l-integrazzjoni tas-CSDB, l-SHSDB u AnaCredit, kif ukoll is-settijiet ta' dejta dwar istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, fondi ta' investiment, korporazzjonijiet li huma vetturi finanzjarji involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, istituzzjonijiet li huma relevanti għal statistiċi dwar ħlasijiet, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, ipprovduti skont l-atti legali rispettivi tal-BĊE dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku ta' dawn l-entitajiet. RIAD b'hekk għandu jappoġġja lis-SEBĊ billi jippermettilha tislet, fost affarijiet oħrajn, skoperturi bankarji kkonsolidati u l-livelli ta' djun ta' min jissellef fuq bażi kkonsolidata.";

2. fl-Artikolu 2, qegħdin jiżdiedu d-definizzjonijiet li ġejjin:

"(28) 'fond ta' pensjoni' jew 'PF' għandha l-istess tifsira kif iddefinita fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/2) (*);

(29) 'rata tal-euro fuq terminu qasir' għandha l-istess tifsira kif iddefinita fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tal-Linja gwida (UE) 2019/1265 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/19) (**);

(30) 'sponsor' għandha l-istess tifsira bħal 'impriża sponsor' kif iddefinita fil-punt 3 tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***);

(31) 'maniġer tal-pensjoni' għandha l-istess tifsira kif stipulat fil-paragrafu 5.185 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013;

(32) 'informazzjoni statistika kunfidenzjali' għandha l-istess tifsira kif iddefinita fil-punt 12 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

(*) Regolament (UE) 2018/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Jannar 2018 dwar rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal fondi tal-pensjoni (BĊE/2018/2) (ĠU L 45, 17.2.2018, p. 3).

(**) Linja gwida (UE) 2019/1265 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Lulju 2019 dwar ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) (BĊE/2019/19) (ĠU L 199, 26.7.2019, p. 8).

(***) Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).";

3. L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Skont ir-reġim ta' kunfidenzjalità stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, dejta ta' referenza kunfidenzjali m'għandhiex tiġi ppubblikata. L-informazzjoni statistika meħuda minn sorsi li huma disponibbli għall-pubbliku skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali m'għandhiex titqies bħala kunfidenzjali u l-informazzjoni rreġistrata fir-RIAD normalment tiġi ppubblikata mill-entitajiet legali li magħhom tkun relatata. Kull dejta ta' referenza li ma tkunx inġabret oriġinarjament taħt il-qafas legali tas-SEBĊ għall-istatistika għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità, li japplikaw għad-dejta. Dawn jinkludu pereżempju dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità ta' oqfsa legali mhux statistiċi, li taħthom tkun inġabret id-dejta, u ta' kuntratti mal-entità relevanti li tkun ipprovdiet id-dejta.";

(b) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Il-BĊNi għandhom jiddikjaraw l-istatus ta' kunfidenzjalità ta' kull valur ta' attribut li jiddeskrivi entità billi jingħażel wieħed mill-valuri definiti minn qabel:

(a) 'F' tfisser ħieles, jiġifieri mhux kunfidenzjali u jista' jsir pubbliku;

(b) 'N' tfisser li valur ta' attribut jista' jiġi rilaxxat biss għall-użu tas-SEBĊ u ta' istituzzjonijiet li għalihom hemm fis-seħħ memorandum ta' ftehim, jiġifieri mhux għal rilaxx estern;

(c) 'C' tfisser informazzjoni statistika kunfidenzjali jew informazzjoni mhux miġbura oriġinarjament taħt il-qafas legali tas-SEBĊ għall-istatistika li tkun soġġetta għal restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità; jew

(d) 'R' tfisser li, minbarra l-użi permessi taħt 2(b) ta' dan l-Artikolu, valur ta' attribut jista' jiġi kondiviż mal-aġent li jirrapporta, li jkun ipprovda dik l-informazzjoni, u - soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' kunfidenzjalità applikabbli – ma' aġenti oħrajn li jirrapportaw, jiġifieri rilaxx ristress biss.";

(c) il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-BĊE għandu jittratta l-informazzjoni pprovduta li tipproteġi l-kunfidenzjalità b'mod xieraq, sabiex il-BĊE ma jippubblikax dejta mmarkata bħala 'C', 'N' jew 'R'. Fir-rigward ta' miżuri kwantitattivi mmarkati bħala 'C', 'N' jew 'R', il-BĊE jista', madankollu, jippubblika jew iqassam firxa ta' klassijiet ta' daqs.";

(d) il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"4. Il-LEI u kull identifikatur użat pubblikament, inklużi l-identifikaturi amministrattivi, dejjem għandu jkollhom il-valur 'F'.";

(e) il-paragrafu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

"6. L-attributi li ġejjin dejjem għandu jkollhom il-valur 'F' għal entitajiet li l-attributi tagħhom huma elenkati fl-Anness I u 'F'. 'R' jew 'N' għal entitajiet li l-attributi tagħhom huma elenkati fl-Anness II:

(a) isem;

(b) settur istituzzjonali.";

4. L-Artikolu 18a li ġej huwa mdaħħal:

"*Artikolu 18a*

Reġistrazzjoni ta' data ta' referenza għal PFs

1. Sabiex jippermettu l-istabbiliment u ż-żamma tal-lista tal-PFs imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/231 (BĊE/2018/2), il-BĊNi għandhom jirreġistraw fir-RIAD l-attributi speċifikati fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I ta' din il-Linja gwida fl-intervalli preskritti. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw kwalunkwe aġġornament ta' dawn l-attributi, b'mod partikolari meta PF jingħaqad ma' jew jitlaq mill-popolazzjoni ta' PF, u għandhom jirreġistrawhom f'RIAD fuq bażi trimestrali, fi żmien tliet xhur wara kull tmiem tat-trimestru għall-attributi trimestrali u fuq bażi annwali, fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tas-sena għall-attributi annwali.

2. Fl-ewwel sottomissjoni tal-lista ta' PFs, il-BĊNi għandhom jirreġistraw fir-Riad dejta ta' referenza trimestrali kompluta kif speċifikat fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għal din il-Linja gwida sa mhux aktar tard mit-2 ta' Ottubru 2019. Il-BĊNi għandhom jirreġistraw l-attributi annwali fir-RIAD sal-31 ta' Marzu 2020.

3. Fejn PF hija fergħa, ir-relazzjonijiet tagħha mas-sede mhux residenti tagħha għandhom jiġu rreġistrati fir-RIAD. Bil-maqlub, fejn PF hija sede, ir-relazzjonijiet tagħha mal-fergħat tagħha residenti fi Stati Membri oħrajn li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu rreġistrati fir-RIAD.

4. Ir-relazzjonijiet bejn il-PFs u l-kumpaniji maniġerjali u l-isponsors għandhom jiġu rreġistrati fir-RIAD, kif applikabbli. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu 'kumpaniji maniġerjali' għandu jirreferi għall-maniġers tal-pensjonijiet fir-rigward tad-dejta li għandha tiġi rrapportata minn dawn l-entitajiet skont ir-Regolament (UE) 2018/231 (BĊE/2018/2).";

5. L-Artikolu 19 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 19*

Pubblikazzjoni regolari ta' settijiet ta' dejta

Il-BĊE għandu jippubblika s-settijiet ta' dejta elenkati hawn isfel skont kif ġej:

1. Sas-18.00 CET ta' kull ġurnata tax-xogħol, il-BĊE għandu jagħmel kopja tas-sett ta' dejta MFI disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu.

2. Sas-18.00 CET fir-raba' jum tax-xogħol wara l-iskadenza għat-trasmissjoni tal-aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel kopja tas-sett ta' dejta IF disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu.

3. Sas-18.00 CET fit-tieni jum tax-xogħol wara l-iskadenza għat-trasmissjoni tal-aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel kopja tas-sett ta' dejta FVC disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu.

4. Sas-18.00 CET fl-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar wara x-xahar tal-iskadenza għat-trasmissjoni ta' aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel kopja tas-sett ta' dejta PSRI disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu.

5. Sas-18.00 CET fir-raba' jum tax-xogħol wara x-xahar tal-iskadenza għat-trasmissjoni tal-aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel kopja tas-sett ta' dejta IC disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu.

6. Sas-18.00 CET fir-raba' jum tax-xogħol wara x-xahar tal-iskadenza għat-trasmissjoni tal-aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel kopja tas-sett ta' dejta PF disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu.

F'kull każ is-sett ta' dejta relevanti għandu jkun il-lista ta' entitajiet msemmija fir-regolament rispettiv tal-BĊE għar-rapportar statistiku skont it-tip ta' entità kkonċernata.";

6. L-Artikolu 22 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

Dejta ta' referenza rilevanti għar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48)

1. Il-BĊNi kompetenti għandhom jiżguraw li d-dejta ta' referenza għal entitajiet li għalihom ikunu ġew assenjati LEIs u li huma relevanti għar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) jiġu rreġistrati fir-RIAD. Il-BĊNi għandhom jirreġistraw kwalunkwe dejta ta' referenza nieqsa fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol ta' notifika mill-BĊE tad-dejta ta' referenza nieqsa li tkun relevanti għar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48). Il-BĊE għandu jinnotifika lill-BĊNi fuq bażi ta' kull ġimgħa dwar liema dejta ta' referenza hija relevanti għar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48). Il-BĊNi kompetenti għandhom ikomplu jaġġornaw id-dejta ta' referenza għal entitajiet li huma relevanti għar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) u li huma rreġistrati fir-RIAD, hekk kif isiru jafu dwar bidla għal attribut wieħed jew aktar.

2. Ir-rata tal-euro fuq terminu qasir hija bbażata fuq subsett ta' dejta rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48). Meta entità li għaliha jkun ġie assenjat LEI tkun relevanti għad-determinazzjoni tar-rata tal-euro fuq terminu qasir, il-BĊNi għandhom jirreġistraw fir-RIAD il-klassifikazzjoni tas-settur taħt is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 ('l-ESA 2010') u l-attributi l-oħrajn elenkati fl-Anness II għal dik l-entità fl-istess jum tax-xogħol tan-notifika mill-BĊE ta' liema entità hija relevanti għad-determinazzjoni tar-rata tal-euro fuq terminu qasir. Il-BĊE għandu jinnotifika lill-BĊNi fuq bażi ta' kuljum dwar liema dejta ta' referenza hija relevanti għad-determinazzjoni tar-rata tal-euro fuq terminu qasir.";

7. L-Anness I huwa mibdul bl-Anness I ta' din il-Linja gwida;

8. L-Anness II huwa mibdul bl-Anness II ta' din il-Linja gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja gwida mit-2 ta' Ottubru 2019.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja gwida hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

ANNESS I

"ANNESS I

REĠISTRU TA' DEJTA DWAR ISTITUZZJONIJIET U AFFILJATI (RIAD) — LISTI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

PARTI 1

Attributi li għandhom jiġu rrappurtati għal settijiet tad-dejta miżmuma għall-pubblikazzjoni

Isem tal-attribut ([a])	Relevanti fil-kuntest tal-lista ta'											
	MFIs		IFs		FVCs		PSRIs ([a])		ICs		PFs	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Identifikaturi												
— **Kodiċi RIAD**	M	d	M	q	M	q	M	a	M	q	M	q
— **Identifikatur nazzjonali** (kif ikun disponibbli)	M	d	O	q	M	q	M	a	M	q	M	q
— **EGR code**	O	d			O	q						
— **LEI** (kif ikun disponibbli)	M	d	M	q	M	q	M	a	M	q	M	q
— **Kodiċi tal-Identità tal-bank (BIC)**	O	d										
— **ISINs** (kif ikun disponibbli)	O	m	M	q	M	q			O	q	O	q
Isem	M	d	M	q	M	q	M	a	M	q	M	q
Pajjiż ta' residenza	M	d	M	q	M	q	M	a	M	q	M	q
Indirizz (***)	M	d	O	q	O	q	M	a	M	q	M	q
Forma legali (***)	M	d	O	q	O	q	O	a	O	q	O	q
Marka (Flag) elenkat	M	d	M	q	M	q	O	a	M	q	M	q
Tip ta' superviżjoni	M	d	M	q	M	q	M	a	M	q	M	q
Rekwiżiti ta' rapportar	M	d	M	q	M	q	M	a	M	q	M	q
Tip ta' liċenzja bankarja	M	d					O	a				

Isem tal-attribut ([a])	Relevanti fil-kuntest tal-lista ta'											
	MFIs		IFs		FVCs		PSRIs ([a])		ICs		PFs	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Struttura legali			**M**	**q**								
Marka konformità UCITS			**M**	**q**								
Marka Sub-fund			**M**	**q**								
Natura tat-titolizzazzjoni					**M**	**q**						
Tip ta' Fondi ta' Investiment			**M**	**q**								
Politika ta' investiment għal IFs			**M**	**q**								
Tip ta' Fondi tal-Pensjoni											**M**	**q**
Marka 'Hija sponsorjata'											**M**	**q**
Marka fornitur tas-servizzi ta' pagament (PSP)							**M**	**a**				
Marka Operatur tas-sistema tal-ħlas (PSO)							**M**	**a**				
Marka PSP żgħir							**M**	**a**				
Marka deroga PSP mogħtija							**M**	**a**				
Tip ta' liċenzja PSP							**M**	**a**				
Ambitu ġeografiku PSP							**M**	**a**				

Settur istituzzjonali	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**	**M**	**q**	**M**	**q**
Dettalji tas-settur istituzzjonali	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**	**M**	**q**	**M**	**q**
Kontroll tas-settur istituzzjonali	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**	**M**	**q**	**M**	**q**
Kodiċi NACE	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	O	a	**M**	**q**	**M**	**q**
Pożizzjoni ġeografika (NUTS) (***)	**M**	**d**	O	q	O	q	**M**	**a**	**M**	**q**	**M**	**q**

Isem tal-attribut ([a])	Relevanti fil-kuntest tal-lista ta'											
	MFIs		IFs		FVCs		PSRIs ([a])		ICs		PFs	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Impjieg *domestiku* (+)	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a
Total karta tal-bilanċ (Regolament BĊE) *domestiku* (+)	**M**	**a**							O ([b])	a	O	a
Assi netti *domestiċi* (+)	O	a	**M**	**a**								
Primjums grossi meħuda *domestiċi* (+)									**M**	**a**		
Impjieg totali (++)	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a
Total tal-karta tal-bilanċ (++)	**M**	**a**	O	a	O	a			O ([b])	a	O	a
Primjums grossi meħuda (++)									**M**	**a**		
Data ta' twelid	O	d	O	q	O	q	O	a	O	q	O	q
Data tal-għeluq	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**	**M**	**q**	**M**	**q**
Marka 'Is Inactive'	**M**	**d**	**M**	**q**	**M**	**q**	**M**	**a**	**M**	**q**	**M**	**q**
Marka 'taħt likwidazzjoni'	**M**	**d**	O	q	**M**	**q**	**M**	**a**	**M**	**q**	O	q
Kontropartijiet meħtieġa												
Oriġinatur ta' FVC					**M**	**q**						
Kumpannija ta' ġestjoni (kif japplika)			**M**	**q**	**M**	**q**					**M** ([c])	**q**
Sede (kif japplika)	**M**	**d**							**M**	**q**	**M**	**q**

(+) bl-esklużjoni ta' frieghi mhux residenti (jew sede).
(++) inklużi frieghi mhux residenti (jekk japplika).
(***) kif japplika.
([a]) Jekk jogħġbok innota li l-lista ta' PSRIs tista' tikkoinċidi mal-lista ta' MFIs.
([b]) Dan għandu jiġi rrappurtat għall-inqas għal waħda mill-varjabbli skont is-sistema tal-ġbir tad-data.
([c]) Dan l-attribut jirreferi għall-maniġers tal-pensjonijiet fir-rigward tad-data rrapportata minn dawn l-entitajiet skont ir-Regolament (UE) 2018/231 (BĊE/2018/2).
Rilevanza: **M** (obbligatorju), **O** (fakoltattiv), vojt (ma japplikax).
Frekwenza: **a** (annwali), **q** (trimestrali), **m** (mensili), **d** (kuljum/kif ikun hemm bidla).
Skeda taż-żmien: għal dejta annwali hija (jekk mhux speċifikata x'imkien ieħor) xahar wara d-data ta' referenza.

PARTI 2

Tipi ta' relazzjonijiet bejn l-entitajiet

	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
1. **Relazzjonijiet fi ħdan impriża**		
Relazzjoni bejn unità(jiet) legali u impriża	O	-
2. **Relazzjonijiet ġewwa gruppi ta' impriża**		
Relazzjoni ta' kontroll bejn l-unitajiet legali	**M** (d)	**q**
Relazzjoni ta' sjieda (mhux ikkontrollata) bejn l-unitajiet legali	O	q
3. **Relazzjonijiet oħra**		
Ness bejn oriġinatur u l-FVC tiegħu	**M**	**q**
Ness bejn kumpannija ta' ġestjoni u l-FVC/IF/PF tagħha (g) (***)	**M**	**q**
Ness bejn fergħa mhux residenti u s-sede residenti tagħha	**M**	**q** (e)
Ness bejn fergħa residenti u s-sede mhux residenti tagħha	**M**	**q**
Ness bejn subfond u fond umbrella (***)	**M**	**q**
Ness bejn entità u l-parent aħħari (f) (***)	**M**	**m**
Ness bejn fond tal-pensjoni u l-isponsor tiegħu (***)	O	q

(d) għal 'gruppi bankarji' biss bis-sede prinċipali fiż-żona tal-euro u għall-kontropartijiet ikkontemplati mir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13); inkella fakoltattiv.
(e) tal-inqas trimestrali, skont is-settur.
(f) għall-entitajiet tal-AnaCredit rilevanti biss.
(g) ħlief għal entitajiet awtoġestiti.
(***) kif japplika."

ANNESS II

"ANNESS II

REĠISTRU TA' DEJTA DWAR ISTITUZZJONIJIET U AFFILJATI (RIAD) — LISTI MHUX GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

L-attributi għandhom jiġu rrappurtati għal datasets skont il-qafas legali rispettiv tagħhom imsemmi fil-Kapitolu VII ta' din il-Linja gwida

Isem tal-attribut	Statistiki BSI u MIR individwali (iBSI-iMIR)	Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) u r-rata tal-euro fuq żmien qasir	Entitajiet rilevanti għall-Ġestjoni Kollaterali	Sistema tal-Ġestjoni tat-Teżor (TMS)	Bażi ta' dejta tal-Istatistika tal-Investimenti fit-Titoli (SHSDB) (1)	Bażi ta' Dejta Ċentralizzata dwar it-Titoli (CSDB)	Bażi ta' dejta komuni ta' mikrodejta analitika dwar il-kreditu (AnaCredit) (2)
Identifikaturi tal-Entità							
— Kodiċi RIAD	x	x	x	x	x	x	x
— LEI (*1)		x	x		x	x	x
— Identifikaturi nazzjonali (*1)			x		x	x	x
— Identifikaturi oħra			x	x	x	x	x
Identifikatur tal-istrument							
— ISIN					x	x	
Isem	x	x	x	x	x	x	x
Pajjiż ta' residenza	x	x	x	x	x	x	x
Indirizz							x
Forma legali							x
Settur istituzzjonali	x	x	x	x	x	x	x
Dettalji tas-Settur istituzzjonali	x	x	x	x	x	x	x
Kontroll tas-settur istituzzjonali	x	x	x	x	x	x	x
Grupp kollaterali			x				
Kodiċi NACE					x	x	x
Pożizzjoni ġeografika (NUTS)							x
Flag CCP		x					
Rekwiżiti ta' rapportar							x

Isem tal-attribut	Statistiki BSI u MIR individwali (iBSI-iMIR)	Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) u r-rata tal-euro fuq żmien qasir	Entitajiet rilevanti għall-Ġestjoni Kollaterali	Sistema tal-Ġestjoni tat-Teżor (TMS)	Bażi ta' dejta tal-Istatistika tal-Investimenti fit-Titoli (SHSDB) (1)	Bażi ta' Dejta Ċentralizzata dwar it-Titoli (CSDB)	Bażi ta' dejta komuni ta' mikrodejta analitika dwar il-kreditu (AnaCredit) (2)
Qafas ta' Kontabbiltà							x
Impjieg totali							x
Karta tal-bilanċ totali							x
Daqs tal-impriża							x
Fatturat Annwali							x
Status tal-proċeduri legali							x
Data ta' twelid	x	x	x	x	x	x	x
Data tal-għeluq	x	x	x	x	x	x	x
Marka 'Is Inactive'	x	x	x	x	x	x	
Relazzjonijiet							
— Relazzjoni fis-Sjieda			x				
— Relazzjoni tal-fergħa			x				
Ness							
— mas-sede					x		x
— lil parent li jikkontrolla dirett					x		x
— lil parent li jikkontrolla aħħari					x		x
— lil kumpannija ta' ġestjoni							x

(1) Il-lista ta' attributi obbligatorji għar-rwoli rilevanti tal-kontroparti tal-SHSDB hija speċifikata fl-atti legali rispettivi.
(2) Il-lista ta' attributi obbligatorji għal kontroparti speċifika ta' AnaCredit tiddependi fuq ir-rwol tagħha (mutwatarju, garanti, eċċ.), ir-residenza (fi ħdan Stat Membru ta' rapportar jew barra) u fid-data meta ngħata s-self kif speċifikat fl-atti legali rispettivi.
(*1) 'LEI' jew, jekk mhux disponibbli, 'Identifikaturi Nazzjonali' għandhom jiġu pprovduti bħala attributi obbligatorji."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT